**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# ►C1 REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 10/2011 ◄

## tal-14 ta' Jannar 2011

## dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(ĠU L 12, 15.1.2011, p. 1)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2011 tal-1 ta' April 2011 | L 87 | 1 | 2.4.2011 |
| ►M2 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1282/2011 tat-28 ta' Novembru 2011 | L 328 | 22 | 10.12.2011 |
| ►M3 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1183/2012 tat-30 ta' Novembru 2012 | L 338 | 11 | 12.12.2012 |
| ►M4 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 202/2014 tat-3 ta' Marzu 2014 | L 62 | 13 | 4.3.2014 |
| ►M5 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 865/2014 tat-8 ta' Awwissu 2014 | L 238 | 1 | 9.8.2014 |
| ►M6 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/174 tal-5 ta' Frar 2015 | L 30 | 2 | 6.2.2015 |
| ►M7 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1416 tal-24 ta' Awwissu 2016 | L 230 | 22 | 25.8.2016 |
| ►M8 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/752 tat-28 ta' April 2017 | L 113 | 18 | 29.4.2017 |
| ►M9 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/79 tat-18 ta' Jannar 2018 | L 14 | 31 | 19.1.2018 |

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 110, 29.4.2011, p. 36 (10/2011)

▼B

**►C1 REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 10/2011 ◄**

**tal-14 ta' Jannar 2011**

**dwar il-materjali u oġġetti tal-plastik maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

KAPITOLU I

**ID-DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Is-suġġett**

1. Dan ir-Regolament hu miżura speċifika skont it-tifsira tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004.

2. Ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti speċifiċi għall-manifattura u l-kummerċjalizzazzjoni tal-materjali u l-oġġetti tal-plastik.

(a) maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel, jew

(b) li diġà qegħdin f'kuntatt mal-ikel inkella

(c) li mistennija b'mod raġjonevoli li jiġu f'kuntatt mal-ikel.

*Artikolu 2*

**L-ambitu**

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-materjali u l-oġġetti li jitqiegħdu fis-suq tal-UE u li jaqgħu fil-kategoriji li ġejjin:

(a) materjali u oġġetti u partijiet minnhom magħmula esklussivament mill-plastik;

(b) materjali u oġġetti tal-plastik ta' saffi multipli li jżommu flikien permezz tal-adeżivi jew b'mezzi oħrajn;

(c) materjali u oġġetti msemmija fil-punti a) jew b) li huma stampati u/jew koperti minn kisja;

(d) saffi tal-plastik jew kisi tal-plastik, li jiffurmaw is-siġilli fil-kapep u fil-lukketti, li flimkien ma' dawk il-kapep jew il-lukketti jagħmlu sett ta' żewġ saffi jew aktar ta' tipi differenti ta' materjali;

(e) saffi tal-plastik f'materjali u f'oġġetti b'saff multiplu magħmul minn materjali multipli.

2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-materjali u l-oġġetti li ġejjin li jitqiegħdu fis-suq tal-UE u li huma maħsuba li jiġu koperti minn miżuri speċifiċi oħra:

(a) reżina ta' skambju joniku;

(b) lasktu;

(c) silikoni.

▼B

3. Dan ir-Regolament għandu jkun bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-UE jew dawk nazzjonali applikabbli għal-linek tal-istampar, l-adeżivi u l-kisjiet.

*Artikolu 3*

**Id-definizzjonijiet**

Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "materjali u oġġetti tal-plastik" tfisser:

(a) materjali u oġġetti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 2(1); u

(b) saffi tal-plastik imsemmija fil-punti (d) u (e) tal-Artikolu 2(1);

(2) "plastik" tfisser polimer li miegħu jista' jkun żdiedulu addittivi jew sustanzi oħra, li kapaċi jiffunzjona bħala komponent strutturali maġġuri ta' materjali u oġġetti finali;

(3) "polimer" tfisser kwalunkwe sustanza makromolekulari li tinkiseb permezz ta':

(a) proċess ta' polimerizzazzjoni bħalma huma poliaddizzjoni, polikondensazzjoni, jew permezz ta' kwalunkwe proċess simili ieħor ta' monomeri jew sustanzi oħra ta' bidu; jew

(b) modifika kimika ta' makromolekuli naturali jew sintetiċi; inkella

(c) fermentazzjoni bil-mikrobi;

(4) "saff multiplu tal-plastik" tfisser materjal jew oġġett kompost minn żewġ saffi tal-plastik jew aktar;

(5) "saff multiplu magħmul minn materjali multipli" tfisser materjal jew oġġett kompost minn żewġ saffi ta' tipi differenti ta' materjali jew aktar, li mill-inqas wieħed minnhom ikun saff tal-plastik;

(6) "monomer jew sustanza oħra inizjali" tfisser:

(a) sustanza li tgħaddi minn kwalunkwe proċess ta' polimerizzazzjoni għall-manifattura tal-polimeri; jew

(b) sustanza makromolekulari naturali jew sintetika użata fil-manifattura ta' makromolekuli modifikati; inkella

(c) sustanza użata biex timmodifika sustanzi makromolekulari naturali jew sintetiċi eżistenti;

(7) "addittiv" tfisser sustanza li tiżdied intenzjonalment mal-plastiks biex jinkiseb effett fiżiku jew kimiku waqt ipproċessar tal-plastik jew fil-materjal jew l-oġġett finali; huwa maħsub biex ikun preżenti fil-materjal jew l-oġġett finali;

▼B

(8) "aġent li jgħin il-produzzjoni tal-polimer" tfisser kwalunkwe sustanza użata biex tipprovdi sustanza ta' kultura adattata għall-polimer jew il-manifattura tal-plastik; huwa jista' jkun preżenti iżda la huwa maħsub li jkun preżenti fil-materjali jew l-oġġetti lesti u lanqas ma jkollu effett fiżiku jew kimiku fil-materjal jew l-oġġett lest;

(9) "sustanza miżjuda b'mod mhux intenzjonat" tfisser impurità fis-sustanza użata jew intermedju ta' reazzjoni li jifforma waqt il-proċess tal-produzzjoni inkella prodott ta' dikompożizzjoni jew ta' reazzjoni;

(10) "aġent li jgħin il-polimerizzazzjoni" tfisser sustanza li tagħti bidu lill-polimerizzazzjoni u/jew tikkontrolla l-formazzjoni tal-istruttura molekulari;

(11) "limitu ta' migrazzjoni globali" tfisser l-ammont massimu permess ta' sustanzi li ma jieħdux in-nar rilaxxati minn materjal jew oġġett fis-simulanti tal-ikel;

(12) "simulant tal-ikel" tfisser kwalunkwe sustanza ta' kultura għall-ittestjar li timita l-ikel; fl-imġiba tiegħu s-simulant tal-ikel jimita l-migrazzjoni mill-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel;

(13) "limitu ta' migrazzjoni speċifika" tfisser l-ammont massimu permess ta' sustanza speċifika li tiġi rilaxxata minn materjal jew oġġett fl-ikel jew fis-simulanti tal-ikel;

(14) "limitu ta' migrazzjoni speċifika totali" tfisser is-somma massima permessa ta' sustanzi partikolari rilaxxati fl-ikel jew fis-simulanti tal-ikel espressa bħala total tal-grupp tas-sustanzi indikati;

(15) "ostakolu funzjonali" tfisser ostakolu li jikkonsisti minn saff wieħed jew aktar ta' kwalunkwe tip ta' materjal li jiżgura li l-materjal jew l-oġġett finali jikkonforma mal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 u mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament;

▼M7

(16) "ikel mhux xaħmi" ifisser ikel fir-rigward ta' liema fl-ittestjar tal-migrazzjoni fit-Tabella 2 tal-Anness III għal dan ir-Regolament huma stabbiliti biss simulanti tal-ikel minbarra s-simulanti tal-ikel D1 jew D2;

▼B

(17) "restrizzjoni" tfisser limitazzjoni tal-użu ta' sustanza jew limitu ta' migrazzjoni inkella limitu tal-kontenut tas-sustanza fil-materjal jew l-oġġett;

▼M7

(18) "speċifikazzjoni" ifisser kompożizzjoni ta' sustanza, kriterji tal-purità għal sustanza, karatteristiċi fiżikokimiċi ta' sustanza, dettalji li għandhom x'jaqsmu mal-proċess tal-manifattura ta' sustanza jew informazzjoni ulterjuri dwar l-espressjoni tal-limiti tal-migrazzjoni;

▼M7

(19) "mili sħun" ifisser il-mili ta' kwalunkwe oġġett b'ikel b'temperatura li ma taqbiżx il-100 °C fil-mument tal-mili, u li wara dan l-ikel jitħalla jibred għal 50 °C jew inqas fi żmien 60 minuta, jew għal 30 °C jew inqas fi żmien 150 minuta.

▼B

*Artikolu 4*

**It-tqegħid fis-suq tal-materjali u l-oġġetti tal-plastik**

Materjali u oġġetti tal-plastik jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk huma:

(a) jikkonformaw mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 li jaqgħu taħt użu maħsub u prevedibbli; u

(b) jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ittekettjar stipulati fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004; u

(c) jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' traċċabilità stipulati fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004; u

(d) mmanifatturati skont il-prassi t-tajba tal-manifattura kif stipulata fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2023/2006 ([1]); u

(e) jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' kompożizzjoni u ta' dikjarazzjoni stipulati fil-Kapitoli II, III u IV ta' dan ir-Regolament.

KAPITOLU II

**IR-REKWIŻITI TA' KOMPOŻIZZJONI**

*TAQSIMA 1*

***Sustanzi Awtorizzati***

*Artikolu 5*

**Lista tal-Unjoni ta' sustanzi awtorizzati**

1. Huma biss is-sustanzi inklużi fil-lista tal-Unjoni tas-sustanzi awtorizzati (minn issa 'l quddiem "il-lista tal-Unjoni") stipulati fl-Anness I li jistgħu jintużaw b'mod intenzjonat fil-manifattura tas-saffi tal-plastik fil-materjali u l-oġġetti tal-plastik.

2. Il-lista tal-Unjoni għandu jkun fiha:

(a) monomeri jew sustanzi oħra ta' bidu;

(b) addittivi minbarra koloranti;

(c) aġenti li jgħinu l-produzzjoni tal-polimer minbarra s-solventi;

(d) makromolekuli li nkisbu minn fermentazzjoni bil-mikrobi.

([1]) ĠU L 384, 29.12.2006, p. 75.

▼B

3. Il-lista tal-Unjoni tista' tiġi emendata skont il-proċedura stabbilita bl-Artikolu 8 sa 12 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004.

*Artikolu 6*

**Id-derogi għas-sustanzi mhux inklużi fil-lista tal-Unjoni**

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 5, is-sustanzi li mhumiex inklużi fil-lista tal-Unjoni jistgħu jintużaw bħala aġenti li jgħinu fil-produzzjoni tal-polimer fil-manifattura tas-saffi tal-plastik fil-materjali u l-oġġetti tal-plastik soġġetti għal-liġi nazzjonali.

2. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 5, jistgħu jintużaw koloranti u solventi fil-manifattura tas-saffi tal-plastik fil-materjali u l-oġġetti tal-plastik soġġett għal-liġi nazzjonali.

3. Is-sustanzi li ġejjin li mhux inklużi fil-lista tal-Unjoni huma awtorizzati soġġetti għar-regoli stipulati fl-Artikoli 8, 9, 10, 11 u 12:

▼M7

(a) l-imluħ kollha tal-aluminju, l-ammonju, il-barju, il-kalċju, il-kobalt, ir-ram, il-ħadid, il-litju, il-manjeżju, il-manganiż, il-potassju, is-sodju, iż-żingu ta' aċdi, fenoli jew alkoħols awtorizzati;

▼B

(b) it-taħlitiet li jinkisbu billi jitħalltu sustanzi awtorizzati mingħajr reazzjoni kimika tal-komponenti;

(c) meta jintużaw bħala addittivi, sustanzi polimeriċi sintetiċi jew naturali ta' piż molekulari ta' mill-inqas 1 000 Da, minbarra makrmolekuli li nkisbu minn fermentazzjoni bil-mikrobi, li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jekk ikunu kapaċi jiffunzjonaw mal-komponent strutturali ewlieni tal-materjali jew l-oġġetti finali;

(d) meta jintużaw bħala monomer jew bħala sustanza inizjali oħra, sustanzi molekulari prepolimeri u naturali jew sintetiċi, kif ukoll it-taħlitiet tagħhom, minbarra makromolekuli li nkisbu minn fermentazzjoni bil-mikrobi, jekk il-monomeri jew is-sustanzi tal-bidu li huma meħtieġa biex jissintetizzawhom huma inklużi fil-lista tal-Unjoni.

4. Is-sustanzi li ġejjin li mhumiex inklużi fil-lista tal-Unjoni jistgħu jkunu preżenti fis-saffi tal-plastik tal-materjali jew l-oġġetti tal-plastik.

(a) sustanzi miżjuda mhux b'mod intenzjonat;

(b) aġenti li jgħinu l-polimerizzazzjoni.

5. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 5, l-addittivi mhux inklużi fil-lista tal-Unjoni jistgħu jkomplu jintużaw soġġetti għal-liġi nazzjonali wara l-1 ta' Jannar 2010 sakemm tittieħed deċiżjoni biex jiġu jew ma jiġux inklużi fil-lista tal-Unjoni kemm-il darba jkunu inklużi fil-lista proviżorja msemmija fl-Artikolu 7.

▼B

*Artikolu 7*

**Il-ħolqien u l-ġestjoni ta' lista proviżorja**

1. Il-lista proviżorja ta' addittivi li qed jiġu vvalutati mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn issa 'l quddiem "l-Awtorità") li saret pubblika mill-Kummissjoni fl-2008 għandha tiġi aġġornata b'mod regolari.

2. Addittiv għandu jitneħħa mil-lista proviżorja:

(a) meta jkun inkluż fil-lista tal-Unjoni stipulata fl-Anness I; jew

(b) meta tittieħed deċiżjoni mill-Kummissjoni biex ma tinkludihx fil-lista tal-Unjoni; inkella

(c) jekk matul l-analiżi tad-dejta, l-Awtorità titlob informazzjoni addizzjonali u dik l-informazzjoni ma tintbagħatx fil-limiti ta' żmien speċifikati mill-Awtorità.

*TAQSIMA 2*

***Ir-rekwiżiti ġenerali, ir-restrizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet***

*Artikolu 8*

**Ir-rekwiżiti ġenerali fuq is-sustanzi**

Is-sustanzi li jintużaw fil-manifattura tas-saffi tal-plastik fil-materjali u l-oġġetti tal-plastik għandhom ikunu ta' kwalità teknika u ta' purità adattata għall-użu intenzjonat u prevedibbli tal-materjali jew l-oġġetti. Il-kompożizzjoni għandha tkun magħrufa mill-manifattur tas-sustanza u tkun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti malli jitolbuha.

*Artikolu 9*

**Ir-rekwiżiti speċifiċi fuq is-sustanzi**

1. Is-sustanzi użati fil-manifattura tas-saffi tal-plastik fil-materjali u l-oġġetti tal-plastik għandhom ikunu soġġetti għar-restrizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

(a) il-limitu ta' migrazzjoni speċifika stipulat fl-Artikolu 11;

(b) il-limitu ta' migrazzjoni globali stipulat fl-Artikolu 12;

(c) ir-restrizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet stipulati fil-kolonna 10 tat-Tabella1 tal-punt 1 tal-Anness I;

(d) l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati stipulati fil-punt 4 tal-Anness I.

2. Is-sustanzi f'nanoforma għandhom jintużaw biss jekk ikunu awtorizzati u msemmija b'mod espliċitu fl-ispeċifikazzjonijiet fl-Anness I.

▼B

*Artikolu 10*

**Ir-restrizzjonijiet dwar il-materjali u l-oġġetti tal-plastik**

Ir-restrizzjonijiet relatati mal-materjali u l-oġġetti tal-plastik huma stipulati fl-Anness II.

*Artikolu 11*

**Il-limiti ta’ migrazzjoni speċifika**

1. Il-materjali u l-oġġetti tal-plastik ma għandhomx jittrasferixxu l-kostitwenti tagħhom lill-ikel fi kwantitajiet li jaqbżu l-limiti ta’ migrazzjoni speċifika stipulati fl-Anness I. Dawk il-limiti ta’ migrazzjoni speċifika huma espressi f’mg ta’ sustanza għal kull kg ta’ ikel (mg/kg).

▼M7

__________

3. B'deroga mill-paragrafu 1, l-addittivi li huma awtorizzati wkoll bħala addittivi tal-ikel permezz tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jew bħala aromatizzanti permezz tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 ma għandhomx jemigraw fl-ikel fi kwantitajiet b'tali mod li jkollhom effett tekniku fl-ikel finali u ma għandhomx:

(a) jaqbżu r-restrizzjonijiet previsti fir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jew fir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 jew fl-Anness I għal dan ir-Regolament għall-ikel li fih ikollhom użu awtorizzat bħala addittiv tal-ikel jew sustanzi aromatizzanti; jew

(b) jaqbżu r-restrizzjonijiet stipulati fl-Anness I għal dan ir-Regolament fl-ikel li fih ma jkollhomx użu awtorizzat bħala addittiv tal-ikel jew sustanzi aromatizzanti.

4. Meta jkun speċifikat li ma hija permessa ebda migrazzjoni ta' sustanza partikolari, il-konformità għandha tiġi stabbilita bl-użu ta' metodi xierqa ta' ttestjar tal-migrazzjoni magħżulin skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 li jistgħu jikkonfermaw li n-nuqqas ta' migrazzjoni 'l fuq minn limitu speċifikat ta' detezzjoni.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunux ġew stabbiliti limiti tad-detezzjoni speċifiċi għal sustanzi partikolari jew gruppi ta' sustanzi, għandu japplika limitu tad-detezzjoni ta' 0,01 mg/kg.

▼B

*Artikolu 12*

**Il-limitu ta’ migrazzjoni globali**

1. Il-materjali u l-oġġetti tal-plastik ma għandhomx jittrasferixxu l-kostitwenti tagħhom fis-simulanti tal-ikel fi kwantitajiet li jaqbżu l-10 milligrammi tal-kostitwenti totali rilaxxati għal kull $dm^2$ ta’ superfiċje ta’ kuntatt tal-ikel ($mg/dm^2$).

▼B

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, il-materjali u l-oġġetti tal-plastik maħsuba li jinġiebu f'kuntatt mal-ikel intenzjonat għat-trabi jew it-tfal iż-żgħar, kif definiti mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/141/KE ([1]) u 2006/125/KE ([2]), ma għandhomx jittrasferixxu l-kostitwenti tagħhom ġos-simulanti tal-ikel fi kwantitajiet li jaqbżu s-60 milligramma tat-total tal-kostitwenti rilaxxati għal kul kg ta' simulant tal-ikel.

KAPITOLU III

**DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI GĦAL ĊERTI MATERJALI U OĠĠETTI**

*Artikolu 13*

**Il-materjali u l-oġġetti tal-plastik magħmula minn saffi multipli**

1. F'materjal jew oġġett tal-plastik magħmul minn saffi multipli, il-kompożizzjoni ta' kull saff tal-plastik għandha tikkonforma ma' dan ir-Regolament.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, saff tal-plastik li ma jkunx f'kuntatt dirett mal-ikel u huwa mifrud mill-ikel b'ostaklu funzjonali, jista':

(a) ma jikkonformax mar-restrizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet stipulati f'dan ir-regolament ħlief għall-monomer tal-klorur tal-vinil kif previst fl-Anness I; u/jew

(b) jiġi mmanifatturat b'sustanzi li mhumiex elenkati fil-lista tal-Unjoni jew fil-lista proviżorja.

▼M7

3. Is-sustanzi skont il-paragrafu 2(b) ma għandhomx jimigraw f'ikel jew simulant tal-ikel, f'konformità mal-Artikolu 11(4). Il-limitu tad-detezzjoni stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) għandu jkun japplika għal gruppi ta' sustanzi jekk ikunu relatati b'mod strutturali u tossikoloġiku, inklużi isomeri jew sustanzi bl-istess grupp funzjonali rilevanti, jew għal sustanzi individwali li mhumiex relatati, u għandu jinkludi trasferiment ta' tpaċija possibbli.

▼B

4. Is-sustanzi li mhumiex elenkati fil-lista tal-Unjoni jew fil-lista proviżorja msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 ma għandhom jappartjenu għall-ebda waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(a) sustanzi kklassifikati bħala "mutaġeniċi", "kanċeroġeniċi", jew "tossiċi għar-riproduzzjoni" skont il-kriterji stabbiliti fit-taqsimiet 3.5, 3.6 u 3.7 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]);

(b) sustanzi f'nanoforma.

---

([1]) ĠU L 401, 30.12.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 339, 6.12.2006, p. 16.
([3]) ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.

▼B

5. Il-materjal jew l-oġġett finali tal-plastik magħmul minn saffi multipligħandu jikkonforma mal-limiti ta' migrazzjoni speċifika stipulati fl-Artikolu 11 u l-limitu ta' migrazzjoni globali stipulat fl-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 14*

**Il-materjali u l-oġġetti ta' saff multiplu magħmula minn materjali multipli**

1. F'materjal jew f'oġġett ta' saff multiplu magħmul minn materjali multipli, il-kompożizzjoni ta' kull saff tal-plastik għandha tikkonforma ma' dan ir-Regolament.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, f'materjal jew f'oġġett ta' saff multiplu magħmul minn materjali multipli, saff tal-plastik li ma jkunx f'kuntatt dirett mal-ikel u li jkun separat mill-ikel permezz ta' ostaklu funzjonali, jista' jiġi mmanfatturat b'sustanzi li mhumiex elenkati fil-lista tal-Unjoni jew fil-lista proviżorja.

3. Is-sustanzi li mhumiex elenkati fil-lista tal-Unjoni jew fil-lista msemmija msemmija fil- paragrafu 2 ma għandhom jappartjenu għall-ebda waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(a) sustanzi kklassifikati bħala "mutaġeniċi", "kanċeroġeniċi", jew "tossiċi għar-riproduzzjoni" skont il-kriterji stabbiliti fit-taqsimiet 3.5, 3.6 u 3.7 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008;

(b) sustanzi f'nanoforma.

4. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-Artikoli 11 u 12 ta' dan ir-Regolament ma japplikawx għas-saffi tal-plastik f'materjali jew f'oġġetit ta' saff multiplu magħmula minn materjali multipli.

5. Is-saffi tal-plastik f'materjal jew f'oġġett ta' saff multiplu magħmul minn materjali multipli għandhom jikkonformaw mar-restrizzjonijiet għall-monomer tal-kloridu tal-vinil stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

6. F'materjal jew f'oġġett ta' saff multiplu magħmul minn materjali multipli, il-limiti ta' migrazzjoni speċifiċi u globali għas-saffi tal-plastik u għall-materjal jew l-oġġett finali jistgħu jiġu stabbiliti permezz tal-liġi nazzjonali.

KAPITOLU IV

**DIKJARAZZJONI TA' KONFORMITÀ U DOKUMENTAZZJONI**

*Artikolu 15*

**Id-dikjarazzjoni tal-konformità**

1. Fl-istadji tal-kummerċjalizzazzjoni għajr l-istadju tal-bejgħ bl-imnut, għandha tkun disponibbli dikjarazzjoni bil-miktub skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 għall-materjali u l-oġġetti tal-plastik, il-prodotti minn stadji intermedji tal-manifattura tagħhom kif ukoll għas-sustanzi maħsuba għall-manifattura ta' dawk il-materjali u l-oġġetti.

▼B

2. Id-dikjarazzjoni bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1 għandha ssir mill-operatur tan-negozju u għandu jkun fiha l-informazzjoni stipulata fl-Anness IV.

3. Id-dikjarazzjoni bil-miktub għandha tippermetti identifikazzjoni faċli tal-materjali, l-oġġetti jew il-prodotti minn stadji intermedji tal-manifattura jew is-sustanzi li tkun inħarġet. Hija għandha tiġi rinnovata meta jkun hemm bidliet sostanzjali fil-kompożizzjoni jew il-produzzjoni li jwasslu għall-bidliet fil-migrazzjoni mill-materjali jew l-oġġetti jew meta ssir disponibbli dejta xjentifika ġdida.

*Artikolu 16*

**Id-dokumenti ta' sostenn**

1. Id-dokumentazzjoni xierqa biex turi li l-materjali u l-oġġetti, il-prodotti mill-istadji intermedji tal-manifattura tagħhom kif ukoll is-sustanzi maħsuba għall-manifattura ta' dawk il-materjali u l-oġġetti jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mill-operatur tan-negozju malli tintalab.

2. Dik id-dokumentazzjoni għandu jkun fiha l-oundizzjonijiet u r-riżultati tal-ittestjar, il-kalkoli, inklużi l-immudellar, analiżi oħra, u evidenza dwar is-sikurezza jew ir-raġunament li jagħti prova tal-konformità. Ir-regoli għal-prova sperimentali ta' konformità huma stipulati fil-Kapitolu V.

CHAPTER V

**IL-KONFORMITÀ**

*Artikolu 17*

**L-espressjoni tar-riżultati tat-test tal-migrazzjoni**

1. Għall-kontroll tal-konformità, il-valuri ta' migrazzjoni speċifika għandhom ikunu espressi f'mg/kg meta jiġi applikat il-proporzjon ta' suprfiċje proprja għall-volum fl-użu proprju jew f'dak previst.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 għal:

(a) kontenituri jew oġġetti oħra, li fihom jew li maħsuba biex ikun fihom, inqas minn 500 millilitru jew gramma jew aktar minn 10 litri,

(b) materjali u oġġetti li għalihom ma jkunx prattiku, minħabba l-forma tagħhom, li ssir stima tar-relazzjoni bejn l-erja tas-superfiċje ta' materjali u ta' oġġetti ta' dan it-tip u l-kwantità ta' ikel li tkun f'kuntatt magħha.

(c) folji u peillikoli li għadhom mhumiex f'kuntatt mal-ikel,

(d) folji u pellikoli li fihom inqas minn 500 millilitru jew gramma jew aktar minn 10 litri,

▼B

il-valur tal-migrazzjoni għandu jiġi espress f' mg/kg u jiġi applikat proporzjon ta' superfiċje għall-volum ta' 6 $dm^2$ għal kull kg tal-ikel.

Dan il-paragrafu ma japplikax għall-materjali u l-oġġetti maħsuba li jiġu f'kuntatt jew li huma diġà f'kuntatt mal-ikel għat-trabi u t-tfal iż-żgħar, kif definit mid-Direttivi 2006/141/KE u 2006/125/KE.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, kapep, siġilli, tappijiet u oġġetti simili ta' siġill il-valur ta' migrazzjoni speċifika għandu jiġi espress fi:

▼M7

(a) mg/kg bl-użu tal-kontenut proprju tal-kontenitur li għalih maħsub l-għatu għall-għeluq filwaqt li tiġi applikata s-superfiċje totali ta' kuntatt tal-oġġett ta' siġill u l-kontenitur issiġillat jekk l-użu maħsub tal-oġġett ikun magħruf, filwaqt li jittieħed kont tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2;

▼B

(b) mg/oġġett jekk l-użu intenzjonat tal-oġġett ma jkunx magħruf.

4. Għal kapep, siġilli, tappijiet u oġġetti simili ta' siġill il-valur ta' migrazzjoni globali għandu jiġi espress fi:

(a) $mg/dm^2$ filwaqt li tiġi applikata s-superfiċje totali ta' kuntatt tal-oġġett ta' siġill u l-kontenitur issiġillat jekk l-użu intenzjonat tal-oġġett ikun magħruf;

(b) mg/oġġett jekk l-użu intenzjonat tal-oġġett ma jkunx magħruf.

*Artikolu 18*

**Ir-regoli biex jiġu vvalutati l-limiti ta' migrazzjoni**

1. Għall-materjali u l-oġġetti li jkunu diġà f'kuntatt mal-ikel, għandha titwettaq verifika tal-konformità b'limiti ta' migrazzjoni speċifika skont ir-regoli stipulati fil-Kapitolu 1 tal-Anness V.

2. Għall-materjali u l-oġġetti li għad mhumiex f'kuntatt mal-ikel, għandha titwettaq verifika tal-konformità b'limiti ta' migrazzjoni speċifika fl-ikel jew fis-simulanti tal-ikel stipulata fl-Anness III skont ir-regoli stipulati fil-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.1 tal-Anness V.

3. Għall-materjali u l-oġġetti li għad mhumiex f'kuntatt mal-ikel, tista' titwettaq spezzjoni tal-konformità mal-limitu ta' migrazzjoni speċifika filwaqt li jiġu applikati strateġiji tal-ispezzjoni skont ir-regoli stipulati fil-Kapitolu 2, it-Taqsima 2.2 tal-Anness V. Jekk materjal jew oġġett ma jirnexxilux jikkonforma mal-limiti ta' migrazzjoni fl-istrateġija tal-ispezzjoni trid tiġi konfermata konklużjoni ta' nonkonformità permezz ta' verifika tal-konformità skont il-paragrafu 2.

▼M7

4. Għall-materjali u l-oġġetti li għadhom mhumiex f'kuntatt mal-ikel, għandha titwettaq verifika tal-konformità mal-limitu tal-migrazzjoni kumplessiv fis-simulanti tal-ikel kif stabbilit fl-Anness III skont ir-regoli stipulati fil-Kapitolu 3 tal-Anness V.

▼B

5. Għall-materjali u l-oġġetti li għad mhumiex f’kuntatt mal-ikel, tista’ titwettaq spezzjoni tal-konformità mal-limitu ta’ migrazzjoni globali filwaqt li jiġu applikati strateġiji tal-ispezzjoni skont ir-regoli stipulati fil-Kapitolu 3, it-Taqsima 3.4 tal-Anness V. Jekk materjal jew oġġett ma jirnexxilux jikkonforma mal-limitu ta’ migrazzjoni fl-istrateġija tal-ispezzjoni trid tiġi konfermata konklużjoni ta’ nonkonformità permezz ta’ verifika tal-konformità skont il-paragrafu 4.

6. Ir-riżultati tal-ittestjar tal-migrazzjoni speċifika li jinkisbu fl-ikel għandhom jieħdu preċedenza fuq ir-riżultati li jinkisbu fis-simulant tal-ikel. Ir-riżultati tal-ittestjar tal-migrazzjoni speċifika li jinkisbu fis-simulant tal-ikel għandhom jieħdu preċedenza fuq ir-riżultati li jinkisbu permezz ta’ strateġiji tal-ispezzjoni.

▼M7

7. Qabel ma jitqabblu r-riżultati tat-test tal-migrazzjoni speċifika u kumplessiva mal-limiti tal-migrazzjoni għandhom jiġu applikati l-fatturi ta' korrezzjoni stipulati fil-punt 3 tal-Anness III u l-Kapitolu 4 tal-Anness V skont ir-regoli stipulati fihom.

▼B

*Artikolu 19*

**Il-valutazzjoni għas-sustanzi mhux inklużi fil-lista tal-Unjoni**

Il-konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tas-sustanzi msemmija fl-Artikoli 6(1), 6(2), 6(4), 6(5) u 14(2) ta’ dan ir-Regolament li mhumiex koperti minn inklużjoni fl-Anness I ta’ dan ir-Regolament għandha tiġi vvalutata skont prinċipji xjentifiċi rikonoxxuti internazzjonalment dwar il-valutazzjoni tar-riskju.

KAPITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Arikolu 20*

**L-emendi tal-atti tal-UE**

L-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 85/572/KEE ([1]) jinbidel b’dan li ġej:

“Is-simulanti tal-ikel li għandhom jintużaw biex jittestjaw il-migrazzjoni tal-kostitwenti tal-materjali u l-oġġetti tal-plastik maħsuba biex jiġu f’kuntatt ma’ ikel uniku jew ma’ gruppi speċifiċi tal-ikel huma stipulati fil-punt 3 tal-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 10/2011.”

([1]) ĠU L 372, 31.12.1985, p. 14.

▼B

*Artikolu 21*

**Ir-revoka tal-atti tal-UE**

Id-Direttivi 80/766/KEE, 81/432/KEE u 2002/72/KE huma permezz ta' dan ta' hawnhekk revokati b'effett mill-1 ta' Mejju 2011.

Ir-referenzi għad-Direttivi revokati għandhom jiġu interpreatati bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabelli ta' korrelazzjoni fl-Anness VI.

*Artikolu 22*

**Id-dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. Sal-31 ta' Diċembru 2012 id-dokumenti ta' sostenn imsemmija fl-Artikolu 16 għandhom ikunu bbażati fuq ir-regoli bażiċi għall-ittestjar tal-migrazzjoni globali u speċifika stipulati fl-Anness tad-Direttiva 82/711/KEE.

2. Mill-1 ta' Jannar 2013 'il hawn id-dokumenti ta' sostenn imsemmija fl-Artikolu 16 għall-materjali, l-oġġetti u s-sustanzi li jitqiegħdu fis-suq sal-31 ta' Diċembru 2015, jistgħu jkunu bbażati fuq:

(a) ir-regoli tal-ittestjar tal-migrazzjoni stipulati fl-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament, inkella

(b) ir-regoli bażiċi għall-ittestjar tal-migrazzjoni globali u speċifika stipulati fl-Anness tad-Direttiva 82/711/KEE.

3. Mill-1 ta' Jannar 2016 'il hawn, id-dokumenti ta' sostenn imsemmija fl-Artikolu 16 għandhom ikunu bbażati fuq ir-regoli għall-ittestjar tal-migrazzjoni stipulati fl-Artikolu 18, bla ħsara għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Sal-31 ta' Diċembru 2015 addittivi li jintużaw fil-plastiks rinfurzati bil-fibra tal-ħġieġ li mhumiex elenkati fl-Anness I iridu jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-valutazzjoni tar-riskju stipulati fl-Artikolu 19.

5. Materjali u oġġetti li tqiegħdu fis-suq skont il-liġi qabel l-1 ta' Mejju 2011 jistgħu jitqiegħdu fis-suq sal-31 ta' Diċembru 2012.

*Artikolu 23*

**Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2011.

Id-dispożizzjoni tal-Artikolu 5 fir-rigward tal-użu tal-addittivi, ħlief il-plastifikanti, għandha tapplika għas-saffi tal-plastik jew il-kisjiet tal-plastik fil-kapep u l-lukketti msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 2(1), mill-31 ta' Diċembru 2015.

▼B

Id-dispożizzjoni tal-Artikolu 5 f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tal-addittivi fil-materjali li jħejju d-daqsijiet għall-plastiks rinfurzati bil-fibra tal-ħġieġ, għandha tapplika mill-31 ta' Diċembru 2015.

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 18(2), 18(4) u 20 għandhom japplikaw mill-31 ta' Diċembru 2012

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

▼B

*ANNESS I*

**Is-sustanzi**

1. **Il-lista tal-Unjoni ta’ monomeri awtorizzati, ta’ sustanzi oħra ta’ bidu, ta’ makromolekuli li nkisbu mill-fermentazzjoni bil-mikrobi, ta’ additivi u ta’ aġenti li jgħinu l-produzzjoni tal-polimer.**

It-Tabella 1 tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

Il-Kolonna 1 (in-Numrru tas-Sustanza tal-Materjal li jiġi f’Kuntatt mal-Ikel): in-numru uniku ta’ identifikazzjoni tas-sustanza

Il-Kolonna 2 (in-Numru ta’ Referenza): in-numru ta’ referenza tal-materjal tal-imballaġġ tal-KEE

Il-Kolonna 3 (Nru tal-CAS): in-numru ta’ reġistrazzjoni tal-CAS (Chemical Abstracts Service)

Il-Kolonna 4 (l-Isem tas-Sustanza): l-isem kimiku

Il-Kolonna 5 (Użu bħala addittiv jew aġent li jgħin il-produzzjoni tal-polimer (iva/le)): indikazzjoni dwar jekk is-sustanza hijiex awtorizzata biex tintuża bħala addittiv jew bħala aġent li jgħin il-produzzjoni tal-polimer (iva) jew jekk is-sustanza mhijiex awtorizzata biex tintuża bħala addittiv jew bħala aġent li jgħin il-produzzjoni tal-polimer (le). Jekk is-sustanza hija awtorizzata biss bħala aġent li jgħin il-produzzjoni tal-polimer hija tiġi indikata (iva) u fl-ispeċifikazzjonijiet l-użu jkun ristrett għal aġent li jgħin il-produzzjoni tal-polimer.

Il-Kololonna 6 (Użu bħala monomer jew sustanza oħra ta’ bidu jew makromolekula li nkisbet mill-fermentazzjoni bil-mikrobi (iva/le)): indikazzjoni dwar jekk is-sustanza hijiex awtorizzata biex tintuża bħala monomer jew bħala sustanza oħra ta’ bidu inkella bħala makromolekula li nkisbet mill-fermentazzjoni bil-mikrobi (iva) jew jekk is-sustanza mhijiex awtorizzata biex tintuża bħala monomer jew bħala sustanza oħra ta’ bidu inkella bħala makromolekula li nkisbet mill-fermentazzjoni bil-mikrobi (le). Jekk is-sustanza hija awtorizzata bħala makromolekula li nkisbet mill-fermentazzjoni bil-mikrobi hija tiġi indikata (iva) u fl-ispeċifikazzjonijiet jiġi indikat li s-sustanza hija makromolekula li tinkiseb mill-fermentazzjoni bil-mikrobi.

Il-Kolonna 7 (Applikabbli għall-Fattur li Jnaqqas ix-Xaħam (iva/le)): indikazzjoni fir-rigward tas-sustanza jekk ir-riżultati tal-migrazzjoni jistgħu jiġu korretti mill-Fattur li Jnaqqas ix-Xaħam (iva) jew jekk ma jistgħux jiġu korretti mill-Fattur li Jnaqqas ix-Xaħam (le).

▼M7

Il-Kolonna 8 (SML [mg/kg]): il-limitu ta' migrazzjoni speċifika applikabbli għas-sustanza. Huwa espress f'mg tas-sustanza għal kull kg ta' ikel. Huwa mmarkat bħala ND (“mhux identifikabbli”) jekk is-sustanza hija waħda li għaliha ma hija permessa ebda migrazzjoni, li għandu jiġi stabbilit skont l-Artikolu 11(4).

▼B

Il-Kolonna 9 (in-Numru tar-Restrizzjoni tal-Grupp tal- Limitu ta’ Migrazzjoni Speċifika Totali [mg/kg]): fiha numru ta’ identifikazzjoni tal-grupp tas-sustanzi li tapplika għalih ir-restrizzjoni tal-grupp fil-Kolonna 1 fit-Tabella 2 ta’ dan l-Anness.

Il-Kolonna 10 (Restrizzjonijiet u speċifikazzjonijiet): fiha restrizzjonijiet oħra imsemmija speċifikament apparti l-limitu ta’ migrazzjoni speċifika u fiha speċifikazzjonijiet relatati mas-sustanza. F’każ li jiġu stipulati speċifikazzjonijiet dettaljati tiġi inkluża referenza għat-Tabella 4.

Il-Kolonna 11 (Noti dwar il-verifika tal-konformità): fiha n-numru tan-Noti li jirreferi għar-regoli dettaljati applikabbli għall-verifika tal-konformità għal din is-sustanzainklużi fil-Kolonna 1 fit-Tabella 3 ta’ dan l-Anness.

Jekk sustanza li tidher fil-lista bħala sustanza komposta individwali hija koperta wkoll b’terminu ġeneriku, ir-restrizzjonijiet li japplikaw għal din is-sustanza għandhom ikunu dawk indikati għas-sustanza komposta individwali.

▼M7

___________

▼B

*Tabella 1*

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nru tas-sustanza FCM | Nru ta' Ref. | Nru CAS | Isem tas-sustanza | użu bħala addittiv jew għajnuna għall-produzzjoni tal-polimeri (iva/le) | użu bħala monomeru jew sustanza tal-bidu oħra jew makromolekula miksuba minn fermentazzjoni mikrobika (iva/le) | FRF applikabbli (iva/le) | SML [mg/kg] | SML(T) [mg/kg] (Nru tar-restrizzjoni tal-Grupp) | Restrizzjonijiet u speċifikazzjonijiet | Noti dwar il-verifika tal-konformità |
| 1 | 12310 | 0266309-43-7 | albumina | Le | iva | le | | | | |
| 2 | 12340 | — | albumina, ikkoagulata permezz ta' formaldehyde | Le | iva | le | | | | |
| 3 | 12375 | — | alkoħol, alifatiku, monoidriku, saturat, lineari, primarju ($C_4$-$C_{22}$) | Le | iva | le | | | | |
| 4 | 22332 | — | taħlita ta' (40 % w/w) 2,2,4-trimethylhexane-1,6-diisocyanate u (60 % w/w) 2,4,4-trimethylhexane-1,6-diisocyanate | Le | iva | le | | (17) | 1 mg/kg fil-prodott finali mfisser bħala grupp isoċjaniku | (10) |
| 5 | 25360 | — | aċidu aċetiku trialkyl ($C_5$-$C_{15}$), 2,3-epoxypropyl ester | Le | iva | le | ND | | 1 mg/kg fil-prodott finali mfisser bħala epoxygroup<br>Piż molekulari huwa 43 Da | |
| 6 | 25380 | — | aċidu aċetiku trialkyl ($C_7$-$C_{17}$), ester tal-vinyl | Le | iva | le | 0,05 | | | (1) |
| 7 | 30370 | — | aċidu aċetilaċetiku, imluħa | Iva | le | le | | | | |
| 8 | 30401 | — | acetylated mono- u digliċeridi ta' aċidi grassi | Iva | le | le | | (32) | | |

▼B

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 9 | 30610 | — | aċidi, $C_2$-$C_{24}$, alifatiċi, lineari, monocarboxylic minn żjut naturali u xaħmijiet, u l-mono-, di- u trigliċerol esters tagħhom (aċidi grassi mferrgħin f'livelli li jseħħu naturali huma inklużi) | Iva | le | le | | | | |
| 10 | 30612 | — | aċidi, $C_2$-$C_{24}$, alifatiċi, lineari, monocarboxylic, sintetiċi u l-mono-, di- u trigliċerol esters tagħhom | Iva | le | le | | | | |
| 11 | 30960 | — | aċidi, alifatiċi, monocarboxylic ($C_6$-$C_{22}$), esters b'polygliċerol | iva | le | le | | | | |
| 12 | 31328 | — | aċidi, grassi, minn xaħam u żjut tal-annimali jew veġetali tal-ikel | iva | le | le | | | | |
| 13 | 33120 | — | alkoħol, alifatiku, monoidriku, saturat, lineari, primarju ($C_4$-$C_{24}$) | iva | le | le | | | | |
| 14 | 33801 | — | n-alkyl($C_{10}$-$C_{13}$)benzenesulphonic acid | iva | le | le | 30 | | | |
| 15 | 34130 | — | alkyl, lineari b'numru biż-żewġ ta' atomi tal-karbonju ($C_{12}$-$C_{20}$) dimethylamines | iva | le | iva | 30 | | | |
| 16 | 34230 | — | alkyl($C_8$-$C_{22}$) aċidi sulfoniċi | iva | le | le | 6 | | | |
| 17 | 34281 | — | alkyl($C_8$-$C_{22}$)aċidi sulfuriċi, lineari, primarju b'numru biż-żewg ta' atomi tal-karbonju | iva | le | le | | | | |

▼B

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 18 | 34475 | — | aluminum calcium hydroxide phosphite, idrat | iva | le | le | | | | |
| 19 | 39090 | — | N,N-bis(2-hydroxyethyl)alkyl ($C_8$-$C_{18}$)amine | iva | le | le | | (7) | | |
| 20 | 39120 | — | N,N-bis(2-hydroxyethyl)alkyl ($C_8$-$C_{18}$)amine hydrochlorides | iva | le | le | | (7) | Imfisser bħala SML(T) għajr HCl | |
| 21 | 42500 | — | aċidu karboniku, imluħa | iva | le | le | | | | |
| 22 | 43200 | 0091744-27-3 | żejt tar-riġnu, mono-u diglycerides | iva | le | le | | | | |
| 23 | 43515 | — | kloruri ta' esters tal-kolin ta' acidi grassi taż-żejt tal-gewża tal-Indi | iva | le | le | 0,9 | | | (1) |
| 24 | 45280 | — | fibri tal-qoton | iva | le | le | | | | |
| 25 | 45440 | — | cresols, butilati, stirenati | iva | le | le | 12 | | | |
| 26 | 46700 | — | 5,7-di-tert-butyl-3-(3,4- u 2,3-dimethylphenyl)-3H-benzofuran-2-one li fih: a) 5,7-di-tert-butyl-3-(3,4-dimethylphenyl)-3H-benzo-furan-2-one (80 sa 100 % w/w) u b) 5,7-di-tert-butyl-3-(2,3-dimet-hylphenyl)-3H-benzofuran-2-one (0 sa 20 % w/w) | iva | le | le | 5 | | | |
| 27 | 48960 | — | 9,10-dihydroxy stearic acid u l-oligomeri tiegħu | iva | le | le | 5 | | | |
| 28 | 50160 | — | di-n-octyltin bis(n-alkyl($C_{10}$-$C_{16}$) mercaptoacetate) | iva | le | le | | (10) | | |

▼B

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 29 | 50360 | — | di-n-octyltin bis(ethyl maleate) | iva | le | le | | (10) | | |
| 30 | 50560 | — | di-n-octyltin 1,4-butanediol bis(mercaptoacetate) | iva | le | le | | (10) | | |
| 31 | 50800 | — | di-n-octyltin dimaleate, esterifikat | iva | le | le | | (10) | | |
| 32 | 50880 | — | di-n-octyltin dimaleate, polimeri (n = 2-4) | iva | le | le | | (10) | | |
| 33 | 51120 | — | di-n-octyltin thiobenzoate 2-ethyl-hexyl mercaptoacetate | iva | le | le | | (10) | | |
| 34 | 54270 | — | ethylhydroxymethylcellulose | iva | le | le | | | | |
| 35 | 54280 | 0009062-14-0 | ethylhydroxypropylcellulose | iva | le | le | | | | |
| 36 | 54450 | — | xaħam u żjut, minn sorsi ta' ikel li ġejjin mill-annimali jew mill-ħaxix | iva | le | le | | | | |
| 37 | 54480 | — | xaħam u żjut, idroġinati, minn sorsi ta' ikel li ġejjin mill-annimali jew mill-ħaxix | iva | le | le | | | | |
| 38 | 55520 | — | fibri tal-ħġieġ | iva | le | le | | | | |
| 39 | 55600 | — | mikroblalen tal-ħġieġ | iva | le | le | | | | |
| 40 | 56360 | — | gliċerol, esteri b'aċidu aċetiku | iva | le | le | | | | |

▼B

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | 56486 | — | gliċerol, esteri b'aċidi, alifatiċi, saturati, linerai b'numru biż-żewġ ta' atomi tal-karbonju ($C_{14}$-$C_{18}$) u b'aċidi, alifatiċi, mhux saturati, lineari, b'numru biż-żewġ ta' atomi tal-karbonju ($C_{16}$-$C_{18}$) | iva | le | le | | | | |
| 42 | 56487 | — | gliċerol, esteri b'aċidu butiriku | iva | le | le | | | | |
| 43 | 56490 | — | gliċerol, esteri b'aċidu erukiku | iva | le | le | | | | |
| 44 | 56495 | — | gliċerol, esters bi 12-hydroxystearic acid | iva | le | le | | | | |
| 45 | 56500 | — | gliċerol, esteri b'aċidu lawriku | iva | le | le | | | | |
| 46 | 56510 | — | gliċerol, esteri b'aċidu linolejku | iva | le | le | | | | |
| 47 | 56520 | — | gliċerol, esteri b'aċidu miristiku | iva | le | le | | | | |
| 48 | 56535 | — | gliċerol, esteri b'aċidu nonanojku | iva | le | le | | | | |
| 49 | 56540 | — | gliċerol, esteri b'aċidu olejku | iva | le | le | | | | |
| 50 | 56550 | — | gliċerol, esteri b'aċidu palmitiku | iva | le | le | | | | |

▼B

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 51 | 56570 | — | gliċerol, esteri b'aċidu propijoniku | iva | le | le | | | | |
| 52 | 56580 | — | gliċerol, esteri b'aċidu ricinolejku | iva | le | le | | | | |
| 53 | 56585 | — | gliċerol, esteri b'aċidu steariku | iva | le | le | | | | |
| 54 | 57040 | — | gliċerol monooleate, ester b'aċidu askorbiku | iva | le | le | | | | |
| 55 | 57120 | — | gliċerol monooleate, ester b'aċidu ċitriku | iva | le | le | | | | |
| 56 | 57200 | — | gliċerol monopalmitate, ester b'aċidu askorbiku | iva | le | le | | | | |
| 57 | 57280 | — | gliċerol monopalmitate, ester b'aċidu ċitriku | iva | le | le | | | | |
| 58 | 57600 | — | gliċerol monostearate, ester b'aċidu askorbiku | iva | le | le | | | | |
| 59 | 57680 | — | gliċerol monostearate, ester b'aċidu ċitriku | iva | le | le | | | | |
| 60 | 58300 | — | gliċina, imluħa | iva | le | le | | | | |
| 61 | 60025 | — | homopolymeri idroġinati u/jew kopolimeri magħmula minn 1-decene u/jew 1-dodecene u/jew 1-octene | iva | le | le | | | M'għandhiex tintuża għal oġġetti f'kuntatt ma' ikel imxaħħam li għalih ikun stipulat is-simulant D<br>Piż molekulari medju mhux inqas minn 450 Da<br>Viskożità mhux inqas minn 3,8 cSt (3,8 × $10^{-6}$ $m^2$/s) f'100 °C | |
| 62 | 64500 | — | lysine, imluħa | iva | le | le | | | | |
| 63 | 65440 | — | manganiż pyrophosphite | iva | le | le | | | | |
| 64 | 66695 | — | methylhydroxymethylcellulose | iva | le | le | | | | |

▼B

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 65 | 67155 | — | taħlita ta' 4-(2-benzoxazolyl)-4'-(5-methyl-2-benzoxazolyl)stilbene, 4,4'-bis(2-benzoxazolyl) stilbene u 4,4'-bis(5-methyl-2-benzoxazolyl)stilbene | iva | le | le | | | Mhux aktar minn 0,05 % (w/w) (kwantità ta' sustanza użata/kwantità tal-formulazzjoni) Taħlita miksuba mill-proċess ta' manifattura fil-proporzjon tiegħu ta' (58-62 %):(23-27 %):(13-17 %) | |
| 66 | 67600 | — | mono-n-octyltin tris(alkyl ($C_{10}$-$C_{16}$) mercaptoacetate) | iva | le | le | | (11) | | |
| 67 | 67840 | — | aċidi montaniċi u/jew l-esters tagħhom b'ethyleneglycol u/jew bi 1,3-butanediol u/jew bi gliċerol | iva | le | le | | | | |
| 68 | 73160 | — | aċidu fosforiku, mono- u di-n-alkyl ($C_{16}$ u $C_{18}$) esters | iva | le | iva | 0,05 | | | |
| 69 | 74400 | — | aċidu fosforuż, tris(nonyl-u/jew dinonylphenyl) ester | iva | le | iva | 30 | | | |
| 70 | 76463 | — | aċidu poliakriliku, imluħa | iva | le | le | | (22) | | |
| 71 | 76730 | — | polydimethylsiloxane, γ-hydroxy-propylated | iva | le | le | 6 | | | |
| 72 | 76815 | — | polyester ta' aċidu adipiku bi gliċerol jew pentaerythritol, esteri b'aċidi grassi $C_{12}$-$C_{22}$ unbranched, innumerati biż-żewġ | iva | le | le | | (32) | Il-frazzjon b'piż molekulari inqas minn 1 000 Da ►**M7** ma jistax ◄ jaqbeż il-5 % (w/w) | |

▼B

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 73 | 76866 | — | polyesters ta' 1,2-propanediol u/jew 1,3- u/jew 1,4-butanediol u/jew polypropyleneglycol b'aċidu adipiku, li jista' jkun end-capped b'aċidu aċetiku jew aċidi grassi $C_{12}$-$C_{18}$ jew n-octanol u/jew n-decanol | iva | le | iva | | (31) (32) | | |
| 74 | 77440 | — | polyethyleneglycol diricinoleate | iva | le | iva | 42 | | | |
| 75 | 77702 | — | polyethyleneglycol esters ta' aliph. monocarb. aċidi ($C_6$-$C_{22}$) u s-sulfati tal-ammonja u tas-sodju tagħhom | iva | le | le | | | | |
| 76 | 77732 | — | polyethylene glycol (EO = 1-30, tipikament 5) ether ta' butyl 2-cyano 3-(4-hydroxy-3-methoxyphenyl) acrylate | iva | le | le | 0,05 | | Għall-użu biss f'PET | |
| 77 | 77733 | — | polyethyleneglycol (EO = 1-30, tipikament 5) ether ta' butyl-2-cyano-3-(4-hydroxyphenyl) acrylate | iva | le | le | 0,05 | | Għall-użu biss f'PET | |
| 78 | 77897 | — | polyethyleneglycol (EO = 1-50) monoalkylether (lineari u branched, $C_8$-$C_{20}$) sulphate, imluħa | iva | le | le | 5 | | | |
| 79 | 80640 | — | polyoxyalkyl ($C_2$-$C_4$) dimethylpolysiloxane | iva | le | le | | | | |

▼B

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 80 | 81760 | — | trabijiet, flejks u fibri tar-ram isfar, bronż, ram, stainless steel, landa u ligi tar-ram aħmar, landa u ħadid | iva | le | le | | | | |
| 81 | 83320 | — | propylhydroxyethylcellulose | iva | le | le | | | | |
| 82 | 83325 | — | propylhydroxymethylcellulose | iva | le | le | | | | |
| 83 | 83330 | — | propylhydroxypropylcellulose | iva | le | le | | | | |
| 84 | 85601 | — | silikati, naturali, (bl-eċċezzjoni tal-asbestos) | iva | le | le | | | | |
| 85 | 85610 | — | silikati, naturali, silanated (bl-eċċezzjoni tal-asbestos) | iva | le | le | | | | |
| 86 | 86000 | — | aċidu siliċiku, silylated | iva | le | le | | | | |
| ▼M7 87 | 86285 | | Diossidu tas-siliċju, silanat | iva | le | le | | | Għad-diossidu tas-siliċju amorfi sintetiku, silanat: partiċelli primarji ta' 1–100 nm li huma miġburin flimkien għal daqs ta' 0,1–1 µm u jistgħu jiffurmaw agglomerati fid-distribuzzjoni tad-daqsijiet ta' 0,3 µm sad-daqs mm. | |
| ▼B 88 | 86880 | — | sodium monoalkyl dialkylphenoxybenzenedisulphonate | iva | le | le | 9 | | | |
| 89 | 89440 | — | aċidu steariku, esteri bl-ethylenglycol | iva | le | le | | (2) | | |
| 90 | 92195 | — | taurine, imluħa | iva | le | le | | | | |

▼B

| (1) | (2) | (3) | (4) | (5) | (6) | (7) | (8) | (9) | (10) | (11) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 91 | 92320 | — | tetradecyl-polyethyleneglycol(EO = 3-8) ether ta' aċidu glikoliku | iva | le | iva | 15 | | | |
| 92 | 93970 | — | tricyclodecanedimethanol bis(hexahydrophthalate) | iva | le | le | 0,05 | | | |
| 93 | 95858 | 0097926-76-6 | xemgħat, paraffiniċi, rfinuti, derivati minn għalf tal-annimali bbażat fuq il-petroleum jew idrokarbonju sintetiku, viskożità baxxa | iva | le | le | 0,05 | | M'għandhiex tintuża għal oġġetti f'kuntatt ma' ikel imxaħħam li għalih ikun stipulat is-►M7 simulant D1 u/jew D2 ◄<br>Piż molekulari medju mhux inqas minn 350 Da<br>Viskożità mhux inqas minn 2,5 cSt (2,5 × $10^{-6}$ $m^2$/s) f'100 °C<br>Kontenut ta' idrokarboni b'numru tal-Karbonju inqas minn 25, iżda mhux aktar minn 40 % (w/w) | |
| | B. ix-xorb imdennes:<br>meraq u nettari u soft drinks li fihom il-polpa tal-frott, mosti li fihom il-polpa tal-frott, ċikkulata likwida | | X(*) | | X | | |
| 01.02 | Xarbiet alkoħoliċi ta' qawwa alkoħolika 'il fuq minn 6 %vol u 20 %. | | | X | | | |
| 01.03 | Xarbiet alkoħoliċi ta' qawwa alkoħolika 'il fuq minn 20 % u l-likuri tal-krema kollha | | | | X | | |
| 01.04 | Imħalltin: alkoħol etiliku mhux żnaturat | | X(*) | | | Substitute 95 % Ethanol | |
| 02 | **Iċ-ċereali, il-prodotti miċ-ċereali, il-ħelu tal-għaġina, il-gallettini, il-kejkijiet u oġġetti oħra li jinbiegħu mill-furnara** | | | | | | |
| 02.01 | Lamti | | | | | | X |
| 02.02 | Iċ-ċereali, mhux ipproċessati, minfuħa, fi flakes, (inklużi l-popcorn, il-corn flakes u oġġetti simili) | | | | | | X |
| 02.03 | Dqiq u smid taċ-ċereali | | | | | | X |
| 02.04 | Pasta xotta pereżempju mqarrun, spagetti u prodotti simili u pasta friska | | | | | | X |
| 02.05 | Ħelu tal-għaġina, gallettini, kejkijiet u oġġetti oħra li jinbiegħu mill-furnara, xotti: | | | | | | |
| | A. B'sustanzi xaħmija fil-wiċċ | | | | | X/3 | |
| | B. Oħrajn | | | | | | X |
| 02.06 | Ħelu tal-għaġina, il-kejkijiet, għaġina u oġġetti oħra li jinbiegħu mill-furnara, friski: | | | | | | |
| | A. B'sustanzi xaħmija fil-wiċċ | | | | | X/3 | |
| | B. Oħrajn | | | | | | X |
| 03 | **Ċikkulata, zokkor u prodotti tagħhom**<br>**Prodotti tad-dolċerija** | | | | | | |
| 03.01 | Ċikkulata, prodotti miksija biċ-ċikkulata, sostituti u prodotti miksija bis-sostituti | | | | | X/3 | |

▼B

| (1) | (2) | (3) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru ta' Referenza | Deskrizzjoni tal-ikel | Simulanti tal-ikel | | | | | |
| | | A | B | C | D1 | D2 | E |
| 03.02 | Prodotti tad-dolċerija: | | | | | | |
| | A. Fl-għamla solida: | | | | | | |
| | I. B'sustanzi xaħmija fil-wiċċ | | | | | X/3 | |
| | II. Oħrajn | | | | | | X |
| | B. Fl-għamla ta' paste: | | | | | | |
| | I. B'sustanzi xaħmija fil-wiċċ | | | | | X/2 | |
| | II. Umdi | | | X | | | |
| 03.03 | Zokkor u prodotti miz-zokkor | | | | | | |
| | A. F'għamla solida: kristali jew trab | | | | | | X |
| | B. Għasel iswed, xiroppi taz-zokkor, għasel u oħra simili | X | | | | | |
| 04 | **Frott, ħaxix u prodotti minnhom** | | | | | | |
| 04.01 | Frott sħiħ, frisk jew imkessaħ, bil-qoxra | | | | | | |
| 04.02 | Frott ipproċessat: | | | | | | |
| | A. Frott imnixxef jew deidrat, sħoħ, imqatta', dqiq jew trab | | | | | | X |
| | B. Frott fil-froma ta' purée, preservat, paste jew fil-meraq tiegħu stess jew ġulepp taz-zokkor (jam, compote u prodotti simili) | | X(*) | X | | | |
| | C. Frott ippreservat f'mezz likwidu: | | | | | | |
| | I. F'mezz żejtni | | | | | X | |
| | II. F'mezz alkoħoliku | | | | X | | |
| 04.03 | Ġewż (karawett, qastan, lewż, ġellewż, ġewż, żerriegħa tal-prinjol u oħrajn): | | | | | | |
| | A. Bla qoxra, imnixxfa, f'biċċiet irqaq jew fi trab | | | | | | X |

▼B

| (1) | (2) | (3) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru ta' Referenza | Deskrizzjoni tal-ikel | Simulanti tal-ikel | | | | | |
| | | A | B | C | D1 | D2 | E |
| | B. Mingħar qoxra u inkaljati | | | | | | X |
| | C. Fl-għamla ta' paste jew krema | X | | | | X | |
| 04.04 | Ħaxix sħiħ, frisk jew imkessaħ, bil-qoxra | | | | | | |
| 04.05 | Ħaxix ipproċessat: | | | | | | |
| | A. Ħaxix imnixxef jew iddeidrat sħiħ, imfellel jew fl-għamla ta' dqiq jew trab | | | | | | X |
| | B. Ħaxix frisk, bla qoxra jew maqtugħ | X | | | | | |
| | C. Ħaxix fl-għamla ta' purée, ta' priserv, ta' pejst jew fil-meraq tiegħu nnifsu (inkluż dak tal-pikless u fl-ilma mielaħ | | X(*) | X | | | |
| | D. Ħaxix ippreservat: | | | | | | |
| | I. F'mezz żejtni | X | | | | X | |
| | II. F'mezz alkoħoliku | | | | X | | |
| 05 | **Xaħmijiet u żjut** | | | | | | |
| 05.01 | Ix-xaħmijiet u ż-żjut mill-annimali u mill-ħxejjex, sew jekk naturali u sew jekk ittrattati (inklużi l-butir tal-kawkaw, ix-xaħam, il-butir issolidifikat mill-ġdid) | | | | | X | |
| 05.02 | Il-marġerina, il-butir u xaħmijiet u żjut oħra magħmula mill-emulsjonijiet ta' ilma fiż-żejt | | | | | X/2 | |
| 06 | **Prodotti mill-annimali u l-bajd** | | | | | | |
| 06.01 | Ħut: | | | | | | |
| | A. Frisk, imkessaħ, ipproċessat, immellaħ jew iffumigat inkluż bajd tal-ħut | X | | | | X/3(**) | |
| | B. Ħut ippreservat: | | | | | | |
| | I. F'mezz żejtni | X | | | | X | |
| | II. F'mezz ta' soluzzjoni tal-ilma | | X(*) | X | | | |
| 06.02 | Krustaċji u molluski (inklużi gajdri, maskli, bebbux) | | | | | | |

▼B

| (1) | (2) | (3) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru ta' Referenza | Deskrizzjoni tal-ikel | Simulanti tal-ikel | | | | | |
| | | A | B | C | D1 | D2 | E |
| | A. Friski fil-qoxra | | | | | | |
| | B. Bla qoxra, ipproċessati, ippreservati jew imsajra bil-qoxra | | | | | | |
| | I. F'mezz żejtni | X | | | | X | |
| | II. F'mezz ta' soluzzjoni tal-ilma | | X(*) | X | | | |
| 06.03 | Laħam tal-ispeċji żooloġiċi kollha (inklużi t-tjur tal-irziezet u tal-priża): | | | | | | |
| | A. Friski, imkessħa, immellħa, iffumikati | X | | | | X/4(**) | |
| | B. Prodotti tal-laħam ipproċessat (bħalma huma perżut, salami, bejken, zalzett, u oħrajn) jew fil-forma ta' paste, kremi | X | | | | X/4(**) | |
| | C. Prodotti tal-laħam immarinat f'mezz żejtni | X | | | | X | |
| 06.04 | Ħaxix ippreservat: | | | | | | |
| | A. F'mezz xaħmi jew żejtni | X | | | | X/3 | |
| | B. F'mezz ta' soluzzjoni tal-ilma | | X(*) | | X | | |
| 06.05 | Bajd sħiħ, isfar tal-bajd, abjad tal-bajd | | | | | | |
| | A. Fi trab jew imnixxfa jew iffriżati | | | | | | X |
| | B. Likwidi u msajra | | | | X | | |
| 07 | **Prodotti tal-ħalib** | | | | | | |
| 07.01 | Ħalib | | | | | | |
| | A. Ħalib u xarbiet abbażi tal-ħalib sħaħ, parzjalment imnixxfa u xkumati jew parzjalment xkumati | | | | X | | |
| | B. Trab tal-ħalib inkluż ħalib tat-tfal (abbażi ta' trab tal-ħalib sħiħ) | | | | | | X |
| 07.02 | Ħalib iffermentat bħal jogurt, xorrox tal-butir u prodotti simili | | X(*) | | X | | |
| 07.03 | Krema u krema qarsa | | X(*) | | X | | |

▼B

| (1) | (2) | (3) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru ta' Referenza | Deskrizzjoni tal-ikel | Simulanti tal-ikel | | | | | |
| | | A | B | C | D1 | D2 | E |
| 07.04 | Ġobnijiet: | | | | | | |
| | A. Sħiħ, b'qoxra li ma tittikilx | | | | | | X |
| | B. Ġobon naturali bla qoxra jew bil-qoxra tittiekel (gouda, camembert, u dawk simili) u ġobon li jdub | | | | | X/3(**) | |
| | C. Ġobon ipproċessat (ġobon artab, cottage cheese u oħra simili) | | X(*) | | X | | |
| | D. Ġobon ippreservat: | | | | | | |
| | I. F'mezz żejtni | X | | | | X | |
| | II. F'mezz ta' soluzzjoni tal-ilma (feta, mozzarella, u oħrajn simili) | | X(*) | | X | | |
| 08 | **Prodotti mħalltin** | | | | | | |
| 08.01 | Ħall | | X | | | | |
| 08.02 | Ikel moqli jew fil-forn: | | | | | | |
| | A. Patata moqlija, il-fritturi u oħrajn simili | X | | | | X/5 | |
| | B. Ta' oriġini mill-annimali | X | | | | X/4 | |
| 08.03 | Tħejjijiet għas-sopop, għall-brodijiet, fl-għamla likwida, solida jew trab (estratti, konċentrati); preparazzjonijiet tal-ikel kompożitu omoġenizzat, platti ppreparati inklużi ħmira u aġenti li jgħollu | | | | | | |
| | A. Fl-għamla ta' trab jew imnixxfa: | | | | | | |
| | I. B'karattru xaħmi | | | | | X/5 | |
| | II. Oħrajn | | | | | | X |
| | B. kwalunkwe għamla oħra li mhijiex fi trab jew imnixxfa: | | | | | | |
| | I. B'karattru xaħmi | X | X(*) | | | X/3 | |
| | II. Oħrajn | | X(*) | X | | | |
| 08.04 | Zlazi: | | | | | | |
| | A. B'karattru ta' soluzzjoni tal-ilma | | X(*) | X | | | |

▼B

| (1) | (2) | (3) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Numru ta' Referenza | Deskrizzjoni tal-ikel | Simulanti tal-ikel | | | | | |
| | | A | B | C | D1 | D2 | E |
| | B. B'karattru xaħmi pereżempju mayonnaise, zlazi mnissla mill-mayonnaise, kremi għall-insalata u taħlitiet oħra taż-żejt/l-ilma pereżempju zlazi abbażi tal-ġewż tal-Indi | X | X(*) | | | X | |
| 08.05 | Mustarda (minbarra mustarda fl-għamla ta' trab li taqa' taħt l-intestatura 08.14) | X | X(*) | | | X/3(**) | |
| 08.06 | Sandwiches, pizza ħobż mixwi u oħrajn simili li jkun fihom kwalunkwe tip ta' prodott tal-ikel | | | | | | |
| | A. B'sustanzi xaħmija fil-wiċċ | X | | | | X/5 | |
| | B. Oħrajn | | | | | | X |
| 08.07 | Ġelati | | | X | | | |
| 08.08 | Ikel imnixxef: | | | | | | |
| | A. B'sustanzi xaħmija fil-wiċċ | | | | | X/5 | |
| | B. Oħrajn | | | | | | X |
| 08.09 | Ikel iffriżat jew surġelat | | | | | | X |
| 08.10 | Estratti kkonċentrati ta' qawwa alkoħolika ta' 6 % vol. jew aktar | | X(*) | | X | | |
| 08.11 | Kawkaw | | | | | | |
| | A. Trab tal-kawkaw, inkluż dak bix-xaħam imnaqqas u dak bix-xaħam imnaqqas fi grad għoli | | | | | | X |
| | B. Paste tal-kawkaw | | | | | X/3 | |
| 08.12 | Kafè, inkaljat jew le, dekaffeinat jew li jinħall fl-ilma, is-sostituti tal-kafè, fl-għamla ta' granuli jew trab | | | | | | X |
| 08.13 | Ħwawar aromatiċi u ħwawar oħra bħalma huma l-kamomilla, ħobbejza, nagħniegħ, tè, zahar tal-lime u oħrajn | | | | | | X |
| 08.14 | Spices u ħwawar fl-istat naturali bħal kannella, imsiemer tal-qronfol, mustarda fi trab, bżat, vanilla, żagħfran, melħ u oħrajn | | | | | | X |
| 08.15 | Spices u ħwawar f'mezz taż-żejt bħalma huma pesto, paste tal-curry | | | | | X | |

▼M8

4. **Assenjazzjoni tas-simulanti tal-ikel għall-ittestjar tal-migrazzjoni ġenerali**

Sabiex it-testijiet juru l-konformità mal-limitu ta' migrazzjoni ġenerali, is-simulanti tal-ikel għandhom jintgħażlu kif stabbilit fit-Tabella 3:

*Tabella 3*

**Assenjazzjoni tas-simulanti tal-ikel biex tintwera l-konformità mal-limitu ta' migrazzjoni ġenerali**

| Ikel kopert | Simulanti tal-ikel li għalihom għandu jsir l-ittestjar |
|---|---|
| kull tip ta' ikel | 1. l-ilma distillat jew l-ilma ta' kwalità ekwivalenti jew is-simulant tal-ikel A;<br>2. is-simulant tal-ikel B; u<br>3. is-simulant tal-ikel D2. |
| kull tip ta' ikel għajr l-ikel aċiduż | 1. l-ilma distillat jew l-ilma ta' kwalità ekwivalenti jew is-simulant tal-ikel A; u<br>2. is-simulant tal-ikel D2. |
| kull tip ta' ikel milwiem jew alkoħoliku u l-prodotti tal-ħalib | is-simulant tal-ikel D1 |
| kull tip ta' ikel milwiem, aċiduż jew alkoħoliku u l-prodotti tal-ħalib | 1. is-simulant tal-ikel D1; u<br>2. is-simulant tal-ikel B. |
| kull tip ta' ikel milwiem u kull tip ta' ikel alkoħoliku sa kontenut tal-alkoħol ta' 20 % | is-simulant tal-ikel C |
| kull tip ta' ikel milwiem u aċiduż kif ukoll kull tip ta' ikel alkoħoliku sa kontenut tal-alkoħol ta' 20 % | 1. is-simulant tal-ikel C; u<br>2. is-simulant tal-ikel B. |

▼M7

5. **Deroga ġenerali għall-assenjament ta' simulanti tal-ikel**

Permezz ta' deroga mill-assenjamenti tas-simulanti tal-ikel fil-punti 2 sa 4 ta' dan l-Anness, meta jkun hemm bżonn li jsiru testijiet b'bosta simulanti tal-ikel, simulant wieħed tal-ikel għandu jkun biżżejjed jekk fuq il-bażi tal-evidenza miksuba l-użu ta' metodi xjentifiċi rikonoxxuti b'mod ġenerali jintwera li huwa l-iktar simulant tal-ikel strett għall-materjal jew l-oġġett partikolari ttestjat fiż-żmien u l-kundizzjonijiet tat-temperatura applikabbli magħżulin skont il-Kapitoli 2 u 3 tal-Anness V.

F'dawn il-każijiet, il-bażi xjentifika li fuqha tintuża din id-deroga għandha tkun tagħmel parti mid-dokumentazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament.

▼B

*ANNESS IV*

**Id-dikjarazzjoni tal-konformità**

Id-dikjarazzjoni bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 15 għandu jkollha l-informazzjoni li ġejja:

(1) l-identità u l-indirizz tal-operatur kummerċjali li joħroġ id-dikjarazzjoni ta' konformità;

(2) l-identità u l-indirizz tal-operatrur tan-negozju li jimmanifattura jew jimporta l-materjali jew l-oġġetti jew il-prodotti tal-plastik minn stadji intermedji tal-manifattura tagħhom jew is-sustanzi maħsuba għall-manifattura ta' dawk il-materjali u l-oġġetti;

(3) l-identità tal-materjali, l-oġġetti jew il-prodotti minn stadji intermedji tal-manifattura jew is-sustanzi maħsuba għall-manifattura ta' dawk il-materjali u l-oġġetti;

(4) id-data tad-dikjarazzjoni;

▼M7

(5) konferma li l-materjali u l-oġġetti tal-plastik, il-prodotti minn stadji intermedji tal-manifattura jew is-sustanzi jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti stipulati f'dan ir-Regolament u fl-Artikoli 3, 11(5), 15 u 17 tar-Regolament (KE) Nru 1935/2004;

▼B

(6) informazzjoni adegwata dwar is-sustanzi użati jew il-prodotti tagħhom ta' degradazzjoni li dwarhom hemm restrizzjonijiet u/jew speċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament biex tippermetti lill-operaturi tan-negozju li huma iktar 'l isfel fil-katina tal-operat biex jiżguraw konformità ma' dawk ir-restrizzjonijiet;

(7) informazzjoni adegwata dwar is-sustanzi li huma soġġetti għal restrizzjoni fl-ikel, li nkisbu minn dejta sperimentali jew minn kalkolu teoretiku dwar il-livell tal-migrazzjoni speċifika tagħhom u, fejn ikun xieraq, kriterji ta' purezza skont id-Direttivi 2008/60/KE, 95/45/KE u 2008/84/KE biex tippermetti lill-utent ta' dawn il-materjali u l-oġġetti jkun jista' jikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-UE, jew fin-nuqqas tagħhom, mad-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli għall-ikel;

(8) l-ispeċifikazzjonijiet dwar l-użu tal-materjal jew l-oġġett, bħalma huma:

(i) it-tip jew tipi ta' ikel maħsub/a biex jiġi/jiġu f'kuntatt miegħu;

(ii) it-tul ta' żmien u t-temperatura tat-trattament u l-ħażna f'kuntatt mal-ikel;

▼M8

(iii) l-ogħla proporzjon tal-erja tas-superfiċe ta' kuntatt mal-ikel mal-volum li għalih tkun ġiet ivverifikata l-konformità skont l-Artikoli 17 u 18 jew it-tagħrif ekwivalenti;

▼B

(9) meta jintuża ostaklu funzjonali f'materjal jew f'oġġetti ta' saffi multipli, il-konferma li l-materjal jew l-oġġett jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 13(2), (3) u (4) jew l-Artikolu 14(2) u (3) ta' dan ir-Regolament.

▼B

*ANNESS V*

**L-ITTESTJAR TAL-KONFORMITÀ**

Għall-ittestjar tal-konformità ta' migrazzjoni mill-materjali u l-oġġetti tal-plastik f'kuntatt mal-ikel japplikaw ir-regoli ġenerali li ġejjin.

KAPITOLU 1

***L-ittestjar għal migrazzjoni speċifika tal-materjali u l-oġġetti li diġà qegħdin f'kuntatt mal-ikel***

1.1. **It-tħejjija tal-kampjun**

Il-materjal jew l-oġġett għandu jinħażen kif indikat fit-tikketta tal-imballaġġ jew f'kondizzjonijiet adegwati għall-ikel imballat jekk ma jingħatawx struzzjonijiet. L-ikel għandu jitneħħa mill-kuntatt mal-materjal jew l-oġġett qabel id-data ta' skadenza jew qabel kwalunkwe data li l-manifattur indika li l-prodott għandu jintuża għal raġunijiet ta' kwalità jew sikurezza.

1.2. **Il-kondizzjonijiet tal-ittestjar**

L-ikel għandu jiġi ttrattat skont l-istruzzjonijiet tat-tisjir fuq l-imballaġġ jekk l-ikel għandu jissajjar fl-imballaġġ. Il-partijiet tal-ikel li mhumiex maħsuba biex jittieklu għandhom jintneħħew u jintremew. Il-bqija għandu jiġi omoġenizzat u analizzat għall-migrazzjoni. Ir-riżultati analitiċi għandhom dejjem jiġu espressi abbażi tal-massa tal-ikel li maħsuba biex tittiekel, f'kuntatt mal-materjal ta' kuntatt mal-ikel.

1.3. **L-analiżi ta' sustanzi li għamlu migrazzjoni**

Il-migrazzjoni speċifika hija analizzata fl-ikel billi jintuża metodu analitiku skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

▼M7

1.4. **Kunsiderazzjoni tas-sustanzi li joriġinaw minn sorsi oħrajn**

F'każ li hemm evidenza marbuta mal-kampjun tal-ikel li sustanza toriġina parzjalment jew kollha kemm hi minn sors jew sorsi għajr il-materjal jew l-oġġett li għalih qiegħed isir it-test, ir-riżultati tat-test għandhom jiġu kkoreġuti għall-ammont ta' dik is-sustanza li toriġina mis-sors jew is-sorsi l-oħrajn qabel ma r-riżultati tat-test jitqabblu mal-limitu speċifiku applikabbli tal-migrazzjoni.

▼B

KAPITOLU 2

***L-ittestjar għal migrazzjoni speċifika tal-materjali u l-oġġetti li għad mhumiex f'kuntatt mal-ikel***

2.1. **Il-metodu ta' verifika**

Il-verifika tal-konformità tal-migrazzjoni fl-ikel mal-limiti tal-migrazzjoni għandha titwettaq fl-aktar kondizzjonijiet estremi ta' tul ta' żmien u ta' temperatura prevedibbli fl-użu proprju filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-paragrafi 1.4, 2.1.1, 2.1.6 and 2.1.7.

Il-verifika tal-konformità tal-migrazzjoni fis-simulanti tal-ikel mal-limiti tal-migrazzjoni għandha titwettaq bl-użu ta' testijiet konvenzjonali ta' migrazzjoni skont ir-regoli stipulati fil-paragrafi 2.1.1 sa 2.1.7.

▼B

2.1.1. *It-tħejjija tal-kampjun*

Il-materjal jew l-oġġett għandu jiġi ttrattat kif deskritt mill-istruzzjonijiet li jiġu miegħu jew mid-dispożizzjonijiet mogħtija fid-dikjarazzjoni tal-konfomità.

Il-migrazzjoni hija ddeterminata fuq il-materjal jew l-oġġett jew, jekk dan ma jkunx prattiku, fuq kampjun li jittieħed mill-materjal jew l-oġġett, inkella kampjun rappreżentattiv ta' dan il-materjal jew l-oġġett. Għal kull simulant tal-ikel jew tip ta' ikel, jintuża kampjun ġdid għat-test. Għandhom jitqiegħdu f'kuntatt mas-simulant tal-ikel jew l-ikel dawk il-partijiet biss li huma maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel fl-użu proprju.

2.1.2. *L-għażla tas-simulant tal-ikel*

Il-materjali u l-oġġetti maħsuba għal kuntatt mat-tipi kollha tal-ikel għandhom jiġu ttestjati mas-simulant tal-ikel A, B u D2. Minkejja dan, jekk is-sustanzi li jistgħu jirreaġixxu mas-simulant tal-ikel aċiduż jew mal-ikel aċiduż ma jkunux preżenti l-ittestjar fis-simulant tal-ikel B jista' jitħalla barra.

Il-materjali u l-oġġetti maħsuba biess għal tipi speċifiċi ta' ikel għandhom jiġu ttestjati bis-simulanti tal-ikel indikati għat-tipi tal-ikel fl-Anness III.

2.1.3. *Il-kondizzjonijiet ta' kuntatt meta jintużaw is-simulanti tal-ikel*

▼M7

Il-kampjun għandu jitqiegħed f'kuntatt mas-simulant tal-ikel b'tali mod li jirrappreżenta l-agħar kondizzjonijiet prevedibbli ta' użu fir-rigward tat-tul ta' żmien tal-kuntatt fit-Tabella 1 u fir-rigward tat-temperatura tal-kuntatt fit-Tabella 2.

Permezz ta' deroga mill-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Tabelli 1 u 2, japplikaw ir-regoli li ġejjin:

(i) Jekk jinstab li t-twettiq tat-testijiet fil-kundizzjonijiet tal-kuntatt speċifikati fit-Tabelli 1 u 2 jikkawża bidliet fiżiċi jew bidliet oħrajn fil-kampjun tat-test li ma jseħħux fl-agħar kundizzjonijiet prevedibbli ta' użu tal-materjal jew tal-oġġett li jkun qiegħed jiġi eżaminat, it-testijiet tal-migrazzjoni għandhom isiru fl-agħar kundizzjonijiet prevedibbli ta' użu li fihom ma jseħħux dawn il-bidliet fiżiċi jew bidliet oħrajn;

(ii) jekk il-materjal jew l-oġġett matul l-użu maħsub tiegħu jkun soġġett biss għal kundizzjonijiet ta' żmien u temperatura kkontrollati b'mod preċiż f'tagħmir ta' pproċessar tal-ikel, jew bħala parti mill-imballaġġ tal-ikel jew bħala parti mit-tagħmir ta' pproċessar stess, l-ittestjar jista' jsir bl-użu tal-agħar kundizzjonijiet prevedibbli li jistgħu jseħħu matul l-ipproċessar tal-ikel f'dak it-tagħmir;

(iii) jekk il-materjal jew l-oġġett ikun maħsub sabiex jintuża biss għal kundizzjonijiet ta' mili sħun, għandu jsir biss test ta' sagħtejn f'70 °C. Madankollu, jekk il-materjal jew l-oġġett tat-test ikun maħsub sabiex jintuża wkoll f'temperatura ambjentali jew inqas, il-kundizzjonijiet tat-test stabbiliti fit-Tabelli 1 u 2 ta' din it-Taqsima jew fit-Taqsima 2.1.4 ta' dan il-Kapitolu jkunu japplikaw skont id-durata tal-ħżin.

▼M7

Jekk il-kundizzjonijiet ta' ttestjar rappreżentattivi għall-agħar kundizzjonijiet prevedibbli ta' użu maħsub tal-materjal jew l-oġġett ma jkunux teknikament riproduċibbli fis-simulant tal-ikel D2, it-testijiet tal-migrazzjoni għandhom isiru bl-użu ta' 95 % etanol u l-użu ta' isoottan. Barra minn hekk, test tal-migrazzjoni għandu jsir bl-użu tas-simulant tal-ikel E jekk it-temperatura fl-agħar kundizzjonijiet prevedibbli ta' użu maħsub taqbeż il-100 °C. It-test li jirriżulta fl-ogħla migrazzjoni speċifika għandu jintuża sabiex tiġi stabbilita l-konformità ma' dan ir-Regolament.

▼B

*Tabella 1*

▼M7

**L-għażla tal-ħin tat-test**

▼B

| Żmien ta’ kuntatt fl-agħar użu prevedibbli | ►M7 Ħin li jrid jingħażel għall-ittestjar ◄ |
|---|---|
| t ≤ 5 min | 5 min |
| 5 min < t ≤ 0.5 siegħa | 0.5 siegħa |
| 0.5 siegħa < t ≤ 1 siegħa | 1 siegħa |
| 1 siegħa < t ≤ 2 sigħat | 2 sigħat |
| 2 sigħat < t ≤ 6 sigħat | 6 sigħat |
| 6 sigħat < t ≤ 24 siegħa | 24 siegħa |
| 1jum < t ≤ 3 jiem | 3 jiem |
| 3 jiem < t ≤ 30 jiem | 10 jiem |
| ‘Il fuq minn 30 jum | Ara l-kondizzjonijiet speċifiċi |

▼M7

*Tabella 2*

**L-għażla tat-temperatura tat-test**

| L-agħar temperatura ta' kuntatt prevedibbli | Temperatura ta' kuntatt li trid tingħażel għall-ittestjar |
|---|---|
| T ≤ 5 °C | 5 °C |
| 5 °C < T ≤ 20 °C | 20 °C |
| 20 °C < T ≤ 40 °C | 40 °C |
| 40 °C < T ≤ 70 °C | 70 °C |
| 70 °C < T ≤ 100 °C | 100 °C jew temperatura tar-rifluss |
| 100 °C < T ≤ 121 °C | 121 °C (*) |
| 121 °C < T ≤ 130 °C | 130 °C (*) |
| 130 °C < T ≤ 150 °C | 150 °C (*) |
| 150 °C < T < 175 °C | 175 °C (*) |
| 175 °C < T ≤ 200 °C | 200 °C (*) |
| T > 200 °C | 225 °C (*) |

(*) Din it-temperatura għandha tintuża biss għas-simulanti tal-ikel D2 u E. Għall-applikazzjonijiet b'tisħin taħt pressjoni, jista' jitwettaq l-ittestjar għall-migrazzjoni taħt pressjoni fit-temperatura rilevanti. Għas-simulanti tal-ikel A, B, C jew D1 it-test jista' jiġi ssostitwit b'test f'100 °C jew fit-temperatura tar-rifluss għal durata ta' erba' darbiet il-ħin magħżul skont il-kundizzjonijiet fit-Tabella 1.

▼M7

2.1.4. *Kundizzjonijiet speċifiċi għal żminijiet ta' kuntatt ta' iktar minn 30 jum f'temperatura ambjentali u inqas*

Għal żminijiet ta' kuntatt ta' iktar minn 30 jum (għall-perjodu fit-tul) f'temperatura ambjentali u inqas, il-kampjun għandu jiġi ttestjat f'kundizzjonijiet tat-test aċċellerati f'temperatura elevata għal massimu ta' 10 ijiem f'60 °C ([1]).

(a) L-ittestjar għal għaxart ijiem f'20 °C għandu jkopri d-durati tal-ħżin kollha f'kundizzjoni ffriżata. Dan it-test jista' jinkludi l-proċessi ta' ffriżar u taħlil jekk it-tikkettar jew struzzjonijiet oħrajn jiżguraw li ma tinqabiżx temperatura ta' 20 °C u l-ħin totali 'l fuq minn – 15 °C ma jkunx itwal minn ġurnata b'kollox matul l-użu maħsub prevedibbli tal-materjal jew tal-oġġett.

(b) L-ittestjar għal għaxart ijiem f'40 °C għandu jkopri d-durati tal-ħżin kollha f'kundizzjonijiet imkessħin u ffriżati inklużi kundizzjonijiet ta' mili sħun u/jew tisħin sa 70 °C ≤ T ≤ 100 °C għal massimu ta' t = 120/2 ^ ((T – 70)/10) minuta.

(c) L-ittestjar għal għaxart ijiem f'50 °C għandu jkopri d-durati tal-ħżin kollha sa 6 xhur f'temperatura ambjentali, inklużi kundizzjonijiet ta' mili sħun u/jew tisħin sa 70 °C ≤ T ≤ 100 °C għal massimu ta' t = 120/2 ^ ((T – 70)/10) minuta.

(d) L-ittestjar għal għaxart ijiem f'60 °C għandu jkopri d-durati tal-ħżin ta' iktar minn 6 xhur f'temperatura ambjentali u inqas, inklużi kundizzjonijiet ta' mili sħun u/jew tisħin sa 70 °C ≤ T ≤ 100 °C għal massimu ta' t = 120/2 ^ ((T – 70)/10) minuta.

(e) Għal ħżin f'temperatura ambjentali l-kundizzjonijiet ta' ttestjar jistgħu jitnaqqsu għal għaxart ijiem f'40 °C jekk ikun hemm evidenza xjentifika li l-migrazzjoni tas-sustanza rispettiva fil-polimeru tkun laħqet ekwilibrazzjoni f'din il-kundizzjoni tat-test.

(f) Għall-agħar kundizzjonijiet prevedibbli tal-użu maħsub mhux koperti mill-kundizzjonijiet tat-test stabbiliti fil-punti (a) sa (e), iż-żmien ta' ttestjar u l-kundizzjonijiet tal-ħżin għandhom ikunu bbażati fuq il-formula li ġejja:

t2 = t1 * Exp (9627 * (1/T2 – 1/T1))

t1 huwa t-tul ta' żmien ta' kuntatt

t2 huwa t-tul ta' żmien ta' ttestjar

T1 huwa t-temperatura ta' kuntatt f'Kelvin. Għal ħżin f'temperatura ambjentali, din hija stabbilita għal 298K (25 °C). Għal kundizzjonijiet imkessħin, din hija stabbilita għal 278K (5 °C). Għall-ħżin fi stat iffriżat, din hija stabbilita għal 258K (– 15 °C).

T2 hija t-temperatura ta' ttestjar f'Kelvin.

---

([1]) Meta jiġi ttestjat f'dawn il-kundizzjonijiet aċċellerati tat-test, il-kampjun tat-test ma għandu jġarrab l-ebda bidla fiżika jew bidla oħra meta mqabbel mal-kundizzjonijiet reali tal-użu, inkluża tranżizzjoni tal-fażi tal-materjal.

▼B

2.1.5. *Kondizzjonijiet speċifiċi għal kombinazzjonijiet ta' tulijiet ta' żmien ta' kuntatt u ta' temperatura*

▼M7

Jekk materjal jew oġġett ikun maħsub għal applikazzjonijiet differenti li jkopru taħlitiet differenti ta' żmien ta' kuntatt u ta' temperatura, l-ittestjar għandu jkun ristrett għall-kundizzjonijiet tat-test li huma rikonoxxuti bħala l-iktar stretti fuq il-bażi ta' evidenza xjentifika.

▼B

Jekk il-materjal jew l-oġġett ikun maħsub għall-applikazzjoni ta' kuntatt mal-ikel fejn ikun soġġett b'mod suċċessiv għal kombinazzjoni ta' żewġ tulijiet ta' żmien u temperaturi, it-test tal-migrazzjoni għandu jitwettaq billi jissoġġetta l-kampjun tat-test b'mod suċċessiv għall-agħar kondizzjonijiet prevedibbli applikabbli xierqa għall-kampjun, filwaqt li tintuża l-istess biċċa ta' simulant tal-ikel.

2.1.6. *L-oġġetti ta' użu ripetut*

Jekk il-materjal jew l-oġġett ikun maħsub biex jiġi f'kuntatt ripetut mal-ikel, it-test(ijiet) tal-migrazzjoni għandu/għandhom jitwettaq/jitwettqu tliet darbiet fuq kampjun wieħed filwaqt li tintuża biċċa oħra tas-simulant tal-ikel kull darba. Il-konformità tiegħu tiġi vverifikata abbażi tal-livell ta' migrazzjoni li tinstab fit-tielet test.

Madankollu, jekk ikun hemm prova konklussiva li l-livell tal-migrazzjoni ma jiżdiedx fit-tieni u t-tielet testijiet u jekk il-limiti tal-migrazzjoni ma jinqabżux fl-ewwel test, ma jkun hemm bżonn tal-ebda test ulterjuri.

▼M7

Il-materjal jew l-oġġett għandu jirrispetta l-limitu ta' migrazzjoni speċifika diġà fl-ewwel test għal sustanzi li huma pprojbiti milli jimigraw jew milli jiġu rilaxxati fi kwantitajiet identifikabbli skont l-Artikolu 11(4).

▼B

2.1.7. *L-analiżi ta' sustanzi li jagħmlu migrazzjoni*

Fl-aħħar tat-tul ta' żmien ta' kuntatt preskritt, il-migrazzjoni speċifika tiġi analizzata fl-ikel jew fis-simulant tal-ikel billi jintuża metodu analitiku skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

2.1.8. *Il-verifika tal-konformità permezz tal-kontenut residwu għall-erja tas-superfiċje ta' kuntatt mal-ikel (QMA)*

Għal sustanzi li mhumiex stabbli fis-simulant tal-ikel jew fl-ikel jew li għalihom ma hemm l-ebda metodu analitiku adegwat disponibbli, fl-Anness I hemm indikat li l-verifika tal-konformità għandha titwettaq permezz tal-verifika tal-kontenut residwu għal kull 6 $dm^2$ ta' superfiċje ta' kuntatt. Għall-materjali u l-oġġetti bejn 500 ml u 10 l tiġi applikata s-superfiċje proprja ta' kuntatt. Għall-materjali u l-oġġetti li jkunu inqas minn 500 ml u aktar minn 10 l kif ukoll għall-oġġetti li ma jkunx prattiku għalihom li tiġi kkalkulata s-superfiċje proprja ta' kuntatt, is-superfiċje ta' kuntatt titqies li hija 6 $dm^2$ għal kull kg ta' ikel.

2.2. **Il-metodoloġiji tal-ispezzjonar**

▼M7

Sabiex isir spezzjonar ta' jekk materjal jew oġġett jikkonformax mal-limiti ta' migrazzjoni, jista' jiġi applikat kwalunkwe wieħed mill-approċċi li ġejjin li jitqiesu tal-inqas stretti daqs il-metodu ta' verifika deskritt fit-taqsima 2.1.

▼B

2.2.1. *Is-sostituzzjoni tal-migrazzjoni speċifika mill-migrazzjoni globali*

Biex isir spezzjonar dwar jekk il-migrazzjoni speċifika ta’ sustanzi li ma jieħdux in-nar, tista’ tiġi applikata d-determinazzjoni tal-migrazzjoni globali f’kondizzjonijiet tat-test li jkunu stretti mill-inqas sal-livell għall-migrazzjoni speċifika.

2.2.2. *Il-kontenut residwu*

Għall-ispezzjonar għall-migrazzjoni speċifika l-potenzjal tal-migrazzjoni jista’ jiġi kkalkulat abbażi tal-kontenut residwu tas-sustanza fil-materjal jew l-oġġett filwaqt li jitqies li jkun hemm migrazzjoni kompluta.

▼M7

2.2.3. *Immudellar tal-migrazzjoni*

Għall-ispezzjonar għal migrazzjoni speċifika, il-potenzjal ta' migrazzjoni jista' jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-kontenut residwu tas-sustanza fil-materjal jew l-oġġett bl-applikazzjoni ta' mudelli ta' diffużjoni rikonoxxuti b'mod ġenerali bbażati fuq evidenza xjentifika u li huma mibnija b'tali mod li qatt ma jissottovalutaw il-livelli reali tal-migrazzjoni.

2.2.4. *Sostituti tas-simulanti tal-ikel*

Għall-ispezzjonar għall-migrazzjoni speċifika, is-simulanti tal-ikel jistgħu jiġu ssostitwiti minn sostituti tas-simulanti tal-ikel jekk ikun hemm bażi ta' evidenza xjentifika li s-sostituti tas-simulanti tal-ikel jirriżultaw f'migrazzjoni li minn tal-inqas hija stretta daqs il-migrazzjoni li tinkiseb bl-użu tas-simulanti tal-ikel stipulati fit-Taqsima 2.1.2

2.2.5. *Test wieħed għal taħlitiet suċċessivi ta' żmien u temperatura*

Jekk il-materjal jew l-oġġett ikun maħsub għall-applikazzjoni li tiġi f'kuntatt mal-ikel u mbagħad ikun soġġett għal żewġ taħlitiet jew iktar ta' żmien u temperatura, żmien wieħed tat-test ta' kuntatt tal-migrazzjoni jista' jiġi definit fuq il-bażi tal-ogħla temperatura tat-test ta' kuntatt mit-Taqsima 2.1.3 u/jew 2.1.4 bl-użu tal-ekwazzjoni kif deskritt fil-punt (f) tat-Taqsima 2.1.4. Ir-raġunament li jiġġustifika li t-test wieħed li jirriżulta huwa tal-inqas strett daqs it-taħlitiet kombinati ta' żmien u temperatura għandu jkun dokumentat fid-dokumentazzjoni ta' appoġġ stipulata fl-Artikolu 16.

▼B

KAPITOLU 3

***L-ittestjar għall-migrazzjoni globali***

L-ittestjar għall-migrazzoni globali għandu jitwettaq fil-kondizzjonijiet standardizzati tal-ittestjar stipulati f’dan il-kapitolu.

3.1. **Il-kondizzjonijiet tal-ittestjar standardizzati**

It-test tal-migrazzjoni globali għall-materjali u l-oġġetti maħsuba għall-kondizzjonijiet ta’ kuntatt mal-ikel deskritti fil-kolonna 3 tat-tabella 3 għandhom jitwettqu għat-tul ta’ żmien speċifikat u fit-temperatura speċifikata fil-kolonna 2. Għat-test OM5 t-test jista’ jitwettaq jew għal sagħtejn (2) f’100 °C (is-simulant tal-ikel D2) fir-reflux (is-simulant tal-ikel A, B, C, D1) jew għal siegħa (1) f’121 °C. Is-simulant tal-ikel għandu jintgħażel skont l-Anness III.

▼B

Jekk jinstab li t-twettiq tat-testijiet fil-kondizzjonijiet tal-kuntatt speċifikati fl-Tabella 3 jikkawża bidliet fiżiċi jew bidliet oħra fil-kampjun tat-test li ma jiġrux fl-agħar kondizzjonijiet prevedibbli ta' użu tal-matejal jew l-oġġett li qed jiġi eżaminat, it-testijiet tal-migrazzjoni għandhom jitwettqu fl-agħar kondizzjonijiet prevedibbli ta' użu fejn dawn il-bidliet fiżiċi jew bidliet oħra ma jseħħux.

▼M7

*Tabella 3*

***Kundizzjonijiet standardizzati għall-ittestjar tal-migrazzjoni kumplessiva***

| Kolonna 1 | Kolonna 2 | Kolonna 3 |
|---|---|---|
| Numru tat-test | Durata tal-kuntatt f'jiem [j] jew sigħat [s] f'temperatura tal-kuntatt [°C] għall-ittestjar | Kundizzjonijiet maħsuba ta' kuntatt mal-ikel |
| OM1 | 10 j f'20 °C | Kwalunkwe kuntatt mal-ikel f'kundizzjonijiet iffriżati u mkessħin. |
| OM2 | 10 j f'40 °C | Kwalunkwe ħżin fit-tul f'temperatura ambjentali jew inqas, inkluż f'każ ta' imballaġġar f'kundizzjonijiet ta' mili sħun, u/jew tisħin sa temperatura T fejn 70 °C ≤ T ≤ 100 °C għal massimu ta' t = 120/2n ^ n((T − 70)/10) minuta. |
| OM3 | 2 s f'70 °C | Kwalunkwe kundizzjoni ta' kuntatt mal-ikel li tinkludi mili sħun u/jew tisħin sa temperatura T fejn 70 °C ≤ T ≤ 100 °C għal massimu ta' t = 120/2 ^ ((T − 70)/10) minuta, li mhumiex segwiti minn ħżin fit-tul f'temperatura ambjentali jew f'kundizzjonijiet imkessħin. |
| OM4 | 1 s f'100 °C | Applikazzjonijiet ta' temperatura għolja għat-tipi kollha ta' ikel f'temperatura sa 100 °C. |
| OM5 | 2 s f'100 °C jew f'rifluss jew inkella f'1 s f'121 °C | Applikazzjonijiet ta' temperatura għolja sa 121 °C. |
| OM6 | 4 s f'100 °C jew fir-rifluss | Kwalunkwe kundizzjoni ta' kuntatt mal-ikel f'temperatura li taqbeż l-40 °C, u b'ikel li għalih il-punt 4 tal-Anness III jassenja s-simulanti A, B, C jew D1. |
| OM7 | 2 s f'175 °C | Applikazzjonijiet ta' temperatura għolja b'ikel xaħmi li jaqbżu l-kundizzjonijiet ta' OM5. |

It-test OM7 ikopri wkoll kundizzjonijiet ta' kuntatt mal-ikel deskritti għal OM1, OM2, OM3, OM4 u OM5. Jirrappreżenta l-agħar kundizzjonijiet għas-simulant D2 tal-ikel f'kuntatt ma' nonpoljolefini. F'każ li ma jkunx teknikament fattibbli li jitwettaq OM 7 bis-simulant D2 tal-ikel, it-test jista' jiġi ssostitwit kif stipulat fit-Taqsima 3.2.

It-test OM6 ikopri wkoll kundizzjonijiet ta' kuntatt mal-ikel deskritti għal OM1, OM2, OM3, OM4 u OM5. Jirrappreżenta l-agħar kundizzjonijiet għas-simulanti tal-ikel A, B, C u D1 f'kuntatt ma' nonpoljolefini.

▼M7

It-test OM5 ikopri wkoll kundizzjonijiet ta' kuntatt mal-ikel deskritti għal OM1, OM2, OM3 u OM4. Jirrappreżenta l-agħar kundizzjonijiet għas-simulanti tal-ikel kollha f'kuntatt ma' poljolefini.

It-test OM2 ikopri wkoll kundizzjonijiet ta' kuntatt mal-ikel deskritti għal OM1 u OM3.

3.2. **It-testijiet tal-migrazzjoni kumplessiva ta' sostituzzjoni għal testijiet bis-simulant tal-ikel D2**

Jekk ma jkunx teknikament fattibbli li jsir wieħed jew iktar mit-testijiet OM1 sa OM6 fis-simulant D2 tal-ikel, it-testijiet tal-migrazzjoni għandhom isiru bl-użu ta' 95 % etanol u ta' isoottan. Barra minn hekk, għandu jsir test bl-użu tas-simulant tal-ikel E jekk l-agħar kundizzjonijiet prevedibbli ta' użu jaqbżu l-100 °C. It-test li jirriżulta fl-ogħla migrazzjoni speċifika għandu jintuża sabiex tiġi stabbilita l-konformità ma' dan ir-Regolament.

F'każ li ma jkunx teknikament fattibbli li jsir OM7 bis-simulant tal-ikel D2, it-test jista' jiġi ssostitwit jew bit-test OM8 jew it-test OM9 skont il-każ fid-dawl tal-użu maħsub jew prevedibbli. Iż-żewġ testijiet jinvolvu ttestjar f'żewġ kundizzjonijiet tat-test li għalihom għandu jintuża kampjun ġdid tat-test għal kull test. Għandha tintuża l-kundizzjoni tat-test li tirriżulta fl-ogħla migrazzjoni kumplessiva sabiex tiġi stabbilita l-konformità ma' dan ir-Regolament.

| Numru tat-test | Kundizzjonijiet tat-test | Kundizzjonijiet maħsuba ta' kuntatt mal-ikel | Ikopri l-kundizzjonijiet maħsubin ta' kuntatt mal-ikel deskritti fi |
|---|---|---|---|
| OM8 | Simulant tal-ikel E għal sagħtejn f'175 °C u simulant D2 tal-ikel għal sagħtejn f'100 °C | Applikazzjonijiet ta' temperatura għolja biss | OM1, OM3, OM4, OM5 u OM6 |
| OM9 | Simulant tal-ikel E għal sagħtejn f'175 °C u simulant D2 tal-ikel għal 10 ijiem f'40 °C | Applikazzjonijiet ta' temperatura għolja inkluż ħżin fit-tul f'temperatura ambjentali | OM1, OM2, OM3, OM4, OM5 u OM6 |

3.3. **Verifika tal-konformità**

3.3.1 *Oġġetti u materjali li jintużaw darba biss*

Fl-aħħar taż-żmien ta' kuntatt stipulat, sabiex tiġi verifikata l-konformità, il-migrazzjoni kumplessiva tiġi analizzata fis-simulant tal-ikel billi jintuża metodu analitiku skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar- (KE) Nru 882/2004.

3.3.2 *Oġġetti u materjali b'użu ripetut*

It-test tal-migrazzjoni kumplessiva applikabbli għandu jitwettaq tliet darbiet fuq kampjun wieħed billi għal kull darba tintuża porzjon oħra tas-simulant tal-ikel. Il-migrazzjoni għandha tiġi stabbilita bl-użu ta' metodu analitiku skont ir-rekwiżiti tal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004. Il-migrazzjoni kumplessiva fit-tieni test għandha tkun iktar baxxa milli fl-ewwel test, u l-migrazzjoni kumplessiva fit-tielet test għandha tkun iktar baxxa milli fit-tieni test. Il-konformità mal-limitu tal-migrazzjoni kumplessiva għandha tiġi verifikata fuq il-bażi tal-livell tal-migrazzjoni kumplessiva li tinstab fit-tielet test.

▼M7

Jekk ma jkunx teknikament fattibbli li l-istess kampjun jiġi ttestjat tliet darbiet, bħal meta jsiru testijiet fiż-żejt, it-test tal-migrazzjoni kumplessiva jista' jsir billi jiġu ttestjati kampjuni differenti għal tliet perjodi ta' żmien differenti li jdumu daqs darba, darbtejn u tliet darbiet il-ħin tat-test ta' kuntatt applikabbli. Id-differenza bejn ir-riżultati tat-tielet u t-tieni test għandha titqies li tirrappreżenta l-migrazzjoni kumplessiva. Il-konformità għandha tiġi vverifikata fuq il-bażi ta' din id-differenza, li ma għandhiex taqbeż il-limitu tal-migrazzjoni kumplessiva. Barra minn hekk, ma għandhiex tkun ogħla mill-ewwel riżultat u d-differenza bejn ir-riżultati tat-tieni u l-ewwel test.

Permezz ta' deroga mill-ewwel paragrafu, jekk, fuq il-bażi tal-evidenza xjentifika, jiġi stabbilit li għall-materjal jew l-oġġett li jkun qiegħed jiġi ttestjat il-migrazzjoni kumplessiva ma tiżdiedx fit-tieni u t-tielet testijiet u, jekk il-limitu tal-migrazzjoni kumplessiva ma jinqabiżx fl-ewwel test, l-ewwel test waħdu għandu jkun biżżejjed.

▼B

3.4. **Il-metodoloġiji tal-ispezzjonar**

▼M7

Sabiex isir spezzjonar dwar jekk materjal jew oġġett jikkonformax mal-limiti tal-migrazzjoni, jista' jiġi applikat kwalunkwe wieħed mill-approċċi li ġejjin li huma meqjusa tal-inqas stretti daqs il-metodu ta' verifika deskritt fit-taqsimiet 3.1 u 3.2.

▼B

3.4.1. *Il-kontenut residwu*

Għall-ispezzjonar għall-migrazzjoni globali l-potenzjal tal-migrazzjoni jista’ jiġi kkalkulat abbażi tal-kontenut residwu tas-sustanzi li kapaċi jwettqu migrazzjoni ddeterminati f’estrazzjoni kompluta tal-materjal jew l-oġġett.

▼M7

3.4.2. *Sostituti tas-simulanti tal-ikel*

Għall-ispezzjonar għall-migrazzjoni kumplessiva, is-simulanti tal-ikel jistgħu jiġu ssostitwiti jekk fuq il-bażi ta' evidenza xjentifika, is-simulanti tal-ikel sostituti jirriżultaw f'migrazzjoni li tal-inqas hija stretta daqs il-migrazzjoni li tinkiseb kieku jintużaw is-simulanti tal-ikel speċifikati fl-Anness III.

▼B

KAPITOLU 4

***Fatturi ta’ korrezzjoni applikati fil-paragun ta’ riżultati tat-test tal-migrazzjoni mal-limiti tal-migrazzjoni***

4.1. **Il-korrezzjoni tal-migrazzjoni speċifika fl-ikel li fih aktar minn 20 % xaħam skont il-Fattur li Jnaqqas ix-Xaħam**

Għal sustanzi lipofiliċi li fl-Anness I fil-kolonna 7 hemm indikat dwarhom li l- Fattur li Jnaqqas ix-Xaħam huwa applikabbli, il-migrazzjoni speċifika tista’ tiġi korretta permezz tal-Fattur li Jnaqqas ix-Xaħam. Il-Fattur li Jnaqqas ix-Xaħam huwa ddeterminat skont il-formola FRF = (g xaħam fl-ikel/kg tal-ikel)/200 = (% xaħam × 5)/100.

Il-Fattur li Jnaqqas ix-Xaħam għandu jiġi applikat għar-regoli li ġejjin.

Ir-riżultati tat-test tal-migrazzjoni għandu jiġi diviż mill-Fattur li Jnaqqas ix-Xaħam qabel il-paragun mal-limiti tal-migrazzjoni.

Din il-korrezzjoni mill-Fattur li Jnaqqas ix-Xaħam mhijiex applikabbli fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta l-materjal jew l-oġġett jinstab jew ikun maħsub li jinġieb f’kuntatt mal-ikel maħsub għat-trabi u t-tfal żgħar kif definit bid-Direttivi 2006/141/KE u 2006/125/KE;

▼B

(b) għal materjali u oġġetti li għalihom mhuwiex prattiku li ssir stima tar-relazzjoni bejn l-erja tas-superfiċje u l-kwantità tal-ikel f'kuntatt magħha, pereżempju minħabba l-għamla jew l-użu tagħhom, u l-migrazzjoni hija kkalkulata bl-użu tal-fattur tal-konverżjoni konvenzjonali ta' 6 $dm^2/kg$ — erja tas-superfiċje/volum.

▼M7

Il-migrazzjoni speċifika fl-ikel jew is-simulant tal-ikel ma għandhiex taqbeż is-60 mg/kg ikel qabel l-applikazzjoni tal-FRF.

Meta jsir ittestjar fis-simulant tal-ikel D2 jew E u meta r-riżultati tat-test jiġu kkoreġuti b'applikazzjoni tal-fattur ta' korrezzjoni stabbilit fit-Tabella 2 tal-Anness III, din il-korrezzjoni tista' tiġi applikata flimkien mal-FRF billi jiġu multiplikati ż-żewġ fatturi. Il-fattur ta' korrezzjoni kombinat ma għandux jaqbeż 5, sakemm il-fattur ta' korrezzjoni stabbilit fit-Tabella 2 tal-Anness III ma jaqbiżx 5.

---

▼B

*ANNESS VI*

**Tabelli ta' korrelazzjoni**

| Id-Direttiva 2002/72/KE | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| L-Artikolu 1(1) | L-Artikolu 1 |
| L-Artikolu 1(2), (3) u (4) | L-Artikolu 2 |
| L-Artikolu 1a | L-Artikolu 3 |
| L-Artikolu 3(1), l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5 | L-Artikolu 5 |
| L-Artikolu 4(2), l-Artikolu 4a(1) u (4), l-Artikolu 4d, l-Anness II(2) u (3) u l-Anness III(2) u (3) | L-Artikolu 6 |
| L-Artikolu 4a(3) u (6) | L-Artikolu 7 |
| L-Anness II (4) u l-Anness III (4) | L-Artikolu 8 |
| L-Artikolu 3 (1) u l-Artikolu (4)(1) | L-Artikolu 9 |
| L-Artikolu 6 | L-Artikolu 10 |
| L-Artikolu 5a (1) u l-Anness I (8) | L-Artikolu 11 |
| L-Artikolu 2 | L-Artikolu 12 |
| L-Artikolu 7a | L-Artikolu 13 |
| L-Artikolu 9(1) u (2) | L-Artikolu 15 |
| L-Artikolu 9(3) | L-Artikolu 16 |
| L-Artikolu 7 u l-Anness I (5a) | L-Artikolu 17 |
| L-Artikolu 8 | L-Artikolu 18 |
| L-Anness II (3) u l-Anness III (3) | L-Artikolu 19 |
| L-Anness I, l-Anness II, l-Anness IV, l-Anness IVa, l-Anness V il-Parti B, u l-Anness VI | L-Anness I |
| L-Anness II (2), l-Anness III (2) u l-Anness V, il-Parti A | L-Anness II |
| L-Artikolu 8(5) u l-Anness VIa | L-Anness IV |
| L-Anness I | L-Anness V |

| Id-Direttiva 93/8/KEE | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| L-Artikolu 1 | L-Artikolu 11 |
| L-Artikolu 1 | L-Artikolu 12 |
| L-Artikolu 1 | L-Artikolu 18 |
| Anness | Anness III |
| Anness | Anness V |

| Id-Direttiva 97/48/KE | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Anness | Anness III |
| Anness | Anness V |